# NAGĦRAF MIN JIEN

## permezz tal-oħrajn



Ktieb tar-Reliġjon tal-ħames sena tal-Primarja

# NAGĦRAF MIN JIEN

## permezz tal-oħrajn



Ktieb tar-Reliġjon tal-ħames sena tal-Primarja



# Nagħraf min jien permezz tal-oħrajn

Ktieb tar-Reliġjon tal-Ħames sena tal-Primarja

Ktieb ta' għajnuna għat-tagħlim tar-reliġjon fil-Ħames klassi tal-iskola primarja

Pubblikazzjoni tas-Segretarjat għall-Katekeżi tal-Arċidjoċesi ta' Malta 2013
Xogħol ikkummissjonat u awtorizzat mill-Kummissjoni Kateketika Nazzjonali
© 2013 Segretarjat għall-Katekeżi, Malta

Dan il-ktieb qed jinbiegħ bil-kundizzjoni li ma jistax jinsilef, jerġa' jinbiegħ jew jingħata b'xejn f'xi għamla oħra jew legatura ħlief kif inhu ppubblikat. Ma jista' jsir fih ebda tibdil. Ebda silta minnu ma tista' tkun ppubblikata jew maħruġa f'mod fotostatiku, elettroniku, mekkaniku jew b'xi mod ieħor mingħajr il-permess bil-miktub tas-Segretarjat għall-Katekeżi.

Kitba tat-test: **Agnese Farrugia, Charmaine Frendo, Lizianne Lia, Mansy Cutajar, Paul Rapa, Stephanie Farrugia.**

Ħajr lill-membri tal-Bord għat-Tagħlim tar-Reliġjon fi ħdan is-Segretarjat għall-Katekeżi, lis-Segretarjat għall-Edukazzjoni fi ħdan l-Arċidjoċesi ta' Malta, lil **Rev. Dr Carl Mario Sultana,** lil **Rev. Dr Hector Scerri,** lil **Rev. Dr René Camilleri**, u lill-Uffiċċjali Edukattivi tal-Edukazzjoni Reliġjuża fi ħdan id-DKSE **Ms Antoinette Laferla** u **Ms Kathleen Bonello**, għall-pariri esperti tagħhom, lil **Robbie Mamo** għall-qari tal-provi u lil **Ms Mariosa Micallef**.

**Kordinament tax-xogħol: Rev. Dr Carl Mario Sultana u Ms Mansy Cutajar**

**Disinn ta' Outlook Coop**
**Illustrazzjonijiet ta' Naomi Gatt**

M'hemmx diffikultà li dan il-ktieb ikun ippublikat (Nihil Obstat)
14 ta' Ġunju 2013
Dun Hector Scerri (Teologu)

Dan il-ktieb jista' jiġi stampat (Imprimatur)
19 ta' Ġunju 2013
+ Pawlu Cremona OP Arċisqof ta' Malta
President tal-Konferenza Episkopali Maltija

Stampat mill-PrintIt Printing Services

ISBN 978-99957-0-543-5

# Nagħraf min jien, permezz tal-oħrajn

**It-tagħlim tar-reliġjon fl-iskola m'għandux bħala għan primarju li tiġi mgħallma d-duttrina tal-Knisja, imma qabel xejn li t-tfal jiġu megħjuna jidħlu fi proċess fejn jesploraw, jistaqsu, u jiskopru lilhom infushom u d-dinja ta' madwarhom fid-dawl tar-reliġjon li tagħmel parti intima mill-kultura li fiha qed jgħixu. Dan hu proċess li jitlob appuntu ħafna kreattività u immaġinazzjoni, iktar milli regoli u duttrina.**

F'dan il-ktieb tal-Ħames Sena tal-Primarja hemm mixja esplorattiva sħiħa li ħadd ma jista' jagħmilha waħdu. Dan il-ktieb f'din il-fażi u età delikata tat-tfal, għandu jservi bħala għodda  l-ewwel u qabel kollox biex immorru lil hinn minn kunċetti ta' reliġjon individwalista, ta' mixja waħdek intiża biss biex titgħallem dwar Alla daqslikieku lil Alla nistgħu niskopruh weħedna u nipposseduh. **Kahlil Gibran**, fil-Ktieb tiegħu '**Il-Profeta**' jikteb li meta inti tħobb, tgħidx li hemm Alla f'qalbek, imma li inti qiegħed fil-qalb ta' Alla. Għax il-mixja ta' kull bniedem kif jarawha r-reliġjonijiet, tista' tgħid kollha, hija proċess ta' għarfien u esperjenza, imma fuq kollox hija l-iskoperta tal-imħabba u s-sabiħ anke fl-isfond tal-ikrah tal-ħajja.

Din il-mixja toħroġ ċar ħafna li l-għarfien ta' Alla, kif jgħid **Thomas Green** f'wieħed mill-kotba tiegħu, isseħħ id f'id mal-għarfien tiegħek innifsek. U l-għarfien tiegħek innifsek ma jseħħx billi inti toqgħod quddiem il-mera, imma iktar ma inti tidħol f'relazzjoni interattiva mal-veru inti, maċ-ċrieki differenti ta' ħbieb li tagħżel tkun magħhom, ma' dak kollu li tara u ġġarrab f'ħajtek, u finalment ma' Alla li fl-ambitu tat-tagħlim tar-reliġjon jibqa' dejjem punt ta' riferiment importanti.

Imma bħal ħafna affarijiet oħra, l-għarfien ta' Alla f'ħajjitna hu kkundizzjonat mill-esperjenzi li ngħaddu minnhom, mill-attitudnijiet li bihom niffaċċjaw l-istess esperjenzi, u finalment minn kemm u kif dan kollu nkunu nħalluh jgħinna nikbru. Dak li jkun jinħema ġo fina, u skont kif aħna nkunu nirreaġixxu għalih, jista' jimblokka jew jisblokka l-kapaċità tagħna li nikkonnettjaw magħna nfusna u mal-oħrajn.

Kif dan kollu jiġi trasmess jista' jgħin u daqstant ieħor ixekkel l-esperjenza ta' fidi li lill-bniedem tista' toffrilu tieqa oħra mnejn iħares lejn ħajtu u jifhem l-eżistenza tiegħu bis-sbuħija tagħha, speċjalment fil-kuntest tar-relazzjonijiet mal-oħrajn.

**Rev Dr René Camilleri**
**Delegat għall-Katekeżi**



# Werrej


**1. Alla Jagħtina t-talenti**

1.1 Jien għandi l-kapaċitajiet ........ 6
1.2 Il-kwalitajiet tal-oħrajn ........ 8
1.3 Nies ta'fidi kbira fl-Antik Testment .... 10
1.4 L-Eroj fl-Antik Testment ........ 12
1.5 Għall-ġid tiegħi u tal-oħrajn ........ 16
1.6 Kien kbir tassew! ........ 18

**2. Alla jaħdem fl-istorja**

2.1 Alla jaħdem fl-istorja t'Artna ........ 20
2.2 It-tagħlim hu l-għajn ta' kull ġid ........ 22
2.3 U kollox reġa' ħa l-ħajja ........ 24
2.4 Aħfirli o Alla fi tjubitek ........ 26
2.5 L-Istorja tal-Knisja fis-seklu 20 ........ 28
2.6 Naħdmu biex inkomplu niktbu l-istorja ........ 30

**3. Nieħdu ħsieb xulxin**

3.1 Alla jieħu ħsiebna ........ 32
3.2 Irrid nistmak għax hekk jixraqlek ........ 34
3.3 "Għall-kelma tiegħek nitfa' x-xbiek" . 36
3.4 "Għid kelma waħda u l-qaddej tiegħi jfiq" ........ 38
3.5 Alla jistħoqqlu l-ġieħ tagħna ........ 40
3.6 Nobdikom ........ 42

**4. Jitwieled għalina**

4.1 Il-Milied festa tassew ........ 44
4.2 Il-ferħ tal-Milied ........ 46
4.3 Dan kien tassew Milied ........ 48
4.4 Il-paċi fid-dinja ........ 50
4.5 Niżlu jadurawh ........ 52
4.6 X'jgħallimna l-Milied ........ 54

**5. Il-Ħbieb tagħna**

5.1 Min huma ħbiebna? ........ 56
5.2 Il-lejalta u l-onesta fil-ħbiberija ........ 58
5.3 Kemm hi sabiħa l-gratitudni ........ 60
5.4 Kif għandna ngħixu ........ 62
5.5 Inħobbu anke fit-tbatija ........ 64
5.6 Nagħmlu għażliet tajbin ........ 66

**6. Iċ-ċirku ta' ġewwa**

6.1 Dawk l-aktar għal qalbna ........ 68
6.2 X'naqsam mal-ħbieb tal-qalb ........ 70
6.3 Il-ħbieb jgħinuna ........ 72
6.4 Alla Missier ta' kullħadd ........ 74
6.5 Ġesu jagħmlilna kuraġġ ........ 76
6.6 Bnedmin ta' kuraġġ kbir ........ 78









7. Niskopru l-valuri
7.1 Nimpenjaw ruħna fil-ħajja ta' kuljum .......... 80
7.2 Nagħmlu li hemm bżonn .......... 82
7.3 Nilqgħu l-isfidi .......... 84
7.4 Ġabarhom flimkien .......... 86
7.5 Le ma nicħdekx anqas jekk ikolli mmut miegħek .......... 88
7.6 L-imħabba ta' veru .......... 90

8. Il-Komunità tagħna
8.1 Il-grupp, it-tim u l-komunità .......... 92
8.2 Ir-ragħaj li jmexxina .......... 94
8.3 Ġesù l-aqwa mexxej .......... 96
8.4 L-Ispirtu li jgħajjixna .......... 98
8.5 Post Marija fil-komunità .......... 100
8.6 Is-saħħa fil-komunità .......... 102

9. Agħti u jingħatalek
9.1 Ghandek x'tagħtini .......... 104
9.2 L-ambjent fejn ngħixu .......... 106
9.3 L-imħabba u l-għaqda li ssaltan fostna .......... 108
9.4 Il-frott tal-Ispirtu .......... 110
9.5 Inkunu ta' servizz għal xulxin .......... 112
9.6 Ħadem fihom ukoll .......... 114

10. It-talb bħala tifħir lil Alla
10.1 Għaliex nitolbu? .......... 116
10.2. Ħajti talba .......... 118
10.3 it-talb jgħinna nikbru .......... 120
10.4 Il-quddiesa l-akbar talba .......... 122
10.5 L-Ewkaristija tmexxina u tressaqna lejn l-oħrajn .......... 124
10.6 Infaħħruh kuljum .......... 126
10.7 Is-sagramenti f'ħajjitna .......... 128
10.8 Is-sagramenti jressquna lejn Alla u l-oħrajn .......... 130




# Jiena għandi l-kapaċitajiet

**Alla lili ħalaqni xbieha tiegħu. Għax iħobbni sebbaħni b'talenti jew kwalitajiet. Dawn it-talenti jew kwalitajiet huma rigali li Alla tani mhux biex ma nagħtix kashom, imma biex nagħraf x'inhuma u niżviluppahom. Poġġa wkoll fil-ħajja tiegħi nies bħalma huma l-ġenituri tiegħi jew dawk li jieħdu ħsiebi li jgħinuni nagħmel dan. Jekk inkun bil-għaqal u nifhem il-ġid li jista' joħroġ meta jien nagħraf it-talenti tiegħi, jien nasal nagħmel il-ħajja tiegħi aħjar u ntejjeb l-ambjent li nkun qed ngħix fih.**

Attività A

## Agħżel it-tajba

a) Biex insiru bil-għaqal għandna bżonn (tal-ħwejjeġ, ta' dawk li jieħdu ħsiebna).

b) Joħroġ ħafna (ġid, ġlied) jekk nagħrfu t-talenti tagħna.

ċ) It-talenti jgħinuna ngħixu aħjar meta (nużawhom sew, ma nagħtu kas ta' xejn).

Attività B

## Għaqqad

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | It-talenti huma | ☐ | tkun qed tikber hi u tgħin lil ta' madwarha. |
| 2 | Kull bniedem għandu | ☐ | taħdem biex tiskopri dawn it-talenti. |
| 3 | Jekk persuna hi bil-għaqal | ☐ | minn dawn il-kwalitajiet speċjali. |
| 4 | Meta mbagħad tiskoprihom | ☐ | kwalitajiet speċjali li tani Alla. |
| 5 | Meta tagħmel dan | ☐ | taħdem biex tiżviluppahom. |



## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

**Attività ċ**

*Iddiskuti*

Marija kellha seba' mitt sena biex tispiċċa l-iskola għax wara kellha tmur għal-logħba basketball. Lanqas kienet taf x'kien qed jiġri madwarha jew x'kienet qed tgħid l-għalliema għax il-ħin kollu toħlom u thewden.

a. X'kienet tħobb tagħmel l-aktar Marija?

..........................................................................................................................................................

b. Taħseb li Marija tagħmel sew toħlom waqt il-lezzjoni? Għaliex?

..........................................................................................................................................................

..........................................................................................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li**

..........................................................................................................................................................

..........................................................................................................................................................





# Il-Kwalitajiet tal-oħrajn

Miniex waħdi fid-dinja li għandi kwalitajiet jew talenti. Alla li ħalaq lil kulħadd u jħobb lil kulħadd żejjen lil kull bniedem b'dawn it-talenti u l-kwalitajiet. Mhux kulħadd għandu l-istess affarijiet, min għandu ħaġa u min oħra. Imma kulħadd għandu talenti u ta' kulħadd huma sbieħ u jista' jagħmel il-ġid bihom. Kemm hu sew li jien napprezza t-talenti jew il-kwalitajiet tal-oħrajn. Ħadd ma jista' jiżviluppa dawn it-talenti waħdu jew iżommhom għalih innifsu, imma għandu bżonn l-oħrajn. B'hekk kulħadd jasal li jikber u jsir aħjar.

## Attività A

**Ikteb *Naqbel* jew *Ma naqbilx***

a. Il-kapaċitajiet jgħinuni nikber. ........................ naqbel

b. Bihom nimxi 'l quddiem u nħobb aktar. ........................

ċ. Kulħadd għandu doni, mela ħadd m'għandu bżonn ħadd. ........................

d. Min ma jiżviluppax it-talenti tiegħu jkun qed jonqos. ........................

e. Mhux kull kapaċità hija tajba. ........................

## Attività B

**Ara dawn il-kwalitajiet u semmi għajnuna li wieħed jista' jagħti permezz tagħhom. L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.**




*Inferraħ lil*
*ħaddieħor*




.................................................
.................................................

.................................................
.................................................




.................................................
.................................................




## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ

Iddiskuti

Martin kien kapaċi jiżfen tassew. Kien jaħseb li jekk jibqa' jħaddem rasu kellu jispiċċa żeffien famuż u mfittex ħafna. Kien dejjem joħlom li jagħtuh xi kuntratt fejn ikun jista' jaqla' ħafna flus. Ma kien imur imkien jiżfen jekk ma jkunx ċert li ħa jikber fil-popolarità u li jagħtuh il-flus.

a. X'tista' tgħid fuq il-ħolm ta' Martin? ..............................................................................

b. X'inhi l-ħolma tiegħek? Tista' tgħin lill-oħrajn b'dak li tixtieq tagħmel? ....................

..............................................................................................................................

..............................................................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..........................................................................

..............................................................................................................................

..............................................................................................................................





# Nies ta' fidi kbira fl-Antik Testment

Meta Alla fl-imħabba tiegħu ħalaq lill-bniedem, sa mill-bidu nett żejnu bi kwalitajiet sbieħ u utli biex ikun jista' jiżviluppa lilu nnifsu u allura jkollu dak kollu li jenħtieġ biex ikun ferħan u jgħix kuntent. Mhux biss, imma wkoll biex ikun jista' jgħin lill-oħrajn. Bħala għajnuna biex jasal għal dan, Alla, matul iż-żminijiet, inqeda b'nies speċjali u kbar. Dawn in-nies huma eroj, *role models* ghax Alla bagħathom u nqeda bihom biex jgħallmuna kif għandna nġibu ruħna, jekk irridu niżviluppaw lilna nfusna u bil-verità nħobbu lil Alla. Tnejn minn dawn in-nies kienu jgħixu tant u tant snin ilu. Insibu l-istorja tagħhom fl-Antik Testment. Dawn it-tnejn huma Abram u martu Sara.

Attività A

## Aqra l-istorja ta' Abram u Sara u mmarka t-tweġiba t-tajba:

a. X'qallu Alla biex jagħmel lil Abram? (Ġen 12, 1-2)

☐ Jitlob aktar ☐ Iħalli 'l pajjiżu u lil niesu. ☐ Jakkwista aktar sefturi.

b. X'kellu Abram fi xjuħitu? (Ġen 21,1- 3)

☐ Iben li semmih Iżakk ☐ Ħafna għelieqi ☐ Ħafna bhejjem.

ċ. X'qallu Alla biex jagħmel b'Iżakk? (Ġen 22,2)

☐ Ibigħ lil ibnu ☐ Jissagrifika lil ibnu ☐ Jibgħat lil ibnu fl-Eġittu.

## Attività B

**Wara li qrajt l-istorja ta' Abram imla l-vojt bil-kliem t'hawn taħt.**

fidi • twelidu • tama • għakka • talab • kwalitajiet

a. Abram u Sara kienu xjuħ ..............................................

b. Abram lil Alla kien jafdah u allura kellu .............................................. kbira fih.

ċ. Alla fil-bidu .............................................. lil Abram biex

iħalli lil niesu u lil art ..............................................

d. Abram u Sara kellhom ukoll .............................................. kbira li Alla ser jagħtihom dak li wegħedhom.

e. Il-fidi u t-tama huma .............................................. kbar ħafna.

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ

Iddiskuti

James kien jixtieq li jibda jaħdem ma' ċirklu. Għalhekk daħal jittrenja biex ikun jista' jibda jitgħallem kif ikun kapaċi jaqsam min naħa għal oħra fuq ħabel stirat. Kien joqgħod attent u kien jixtieq li jasal il-mument li jagħmilha. Mela darba wara li l-għalliem kien wera lill-istudenti l-modi kollha ta' kif kellhom jimxu fuq il-ħabel biex jagħti spettaklu mill-aqwa, stieden lil xi student minnhom biex jipprova jaqsam. Ħadd ma tkellem u allura l-għalliem stieden lil James biex jibda hu. James kesaħ. Xtaq kieku, imma beża'. 'Ejja, kapaċi tagħmilha! Afdani u agħmel dak kollu li għedtlek'. James beża' mhux ftit imma bil-kuraġġ kollu, għax kien jafda u jemmen fl-għalliem tiegħu, beda l-mixja tiegħu fuq il-ħabel u tafu x'ġara? Wasal!

a. Xi kwalitajiet sbieħ tara f'James? ..............................................

..............................................

b. Kien normali li James jibża' f'dan il-każ? Għaliex? ..............................................

..............................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..............................................

..............................................

..............................................



# L-Eroj fl-Antik Testment

Fl-Antik Testment, barra Abram u Sara, insibu nies oħrajn li ħallew impatt fuq il-ġrajjiet li seħħew. Tnejn minn dawn in-nies kienu Rut u Samwel. Dawn iż-żewġ żgħażagħ huma ta' eżempju kbir għalina għax juruna, bħal Abram, il-fidi kbira li kellhom f'Alla u l-mixja tagħhom biex temmew dak li Alla ried minnhom.

Fil-Ktieb ta' Rut insibu din l-istorja: Rut kienet tfajla minn post jismu Moab. Hemmhekk ġiet toqgħod il-familja ta' Elimelek u Naomi minn Israel li kellhom żewġt itfal. Rut iżżewġet lil wieħed mit-tfal ta' din il-familja. Ġara, imma, li Elimelek u ż-żewġ uliedu subien mietu u Rut sfat armla bla ma kellha tfal. Kienet tħobb ħafna lil Naomi u meta din riedet tmur lura lejn Israel, Rut marret magħha u baqgħet magħha sal-aħħar. Kienet tbati biex tikseb ikel għalihom it-tnejn. Rut reġgħet iżżewġet u kellha tifel. Rut hija persuna li wriet fidi kbira, imħabba kbira fil-mod kif ġabet ruħha ma' Naomi.

Fil-Ktieb ta' Samwel insibu l-istorja ta' dan it-tfajjel li lil Alla ħabbu u għamel dak kollu li qallu hu. Anna ma kellhiex tfal. Kuljum kienet titlob u tibki biex Alla jħenn għaliha. Darba, fit-tempju talbitu hekk lil Alla: Jekk ikollu tifel, noffrih lilek u jaqdik fit-tempju. Wara ftit kellha tifel u meta tfarfar sewwa hi ħaditu fit-tempju biex ikun qrib tal-Mulej. Kien jieħu ħsiebu Eli, qassis fit-tempju. Darba kellmu Alla u tah messaġġ għal Eli. Dan il-messaġġ kellu jwasslu, kif kellu jwassal messaġġi oħra lin-nies biex juri kif għandhom jgħixu.

## Għaqqad biex tifforma l-istorja ta' Rut.

Attività A

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Rut minn Moab iżżewġet lit-tifel | | tirritorna Israel għand niesha. |
| 2 | Hi malajr sfat armla bla tfal | | ħalliet lil niesha u marret ma' Naomi f'Israel. |
| 3 | Naomi, issa armla, iddeċidiet li terġa' | | Bogħaż biex tkun tista' tiekol hi u jkollha x'tiekol ukoll Naomi. |
| 4 | Ruth ma riditx titlaqha weħidha lil Naomi u allura | | li wara mbagħad minn dan in-nisel twieled Ġesù. |
| 5 | Hawnhekk kienet taħdem fl-għelieqi ta' raġel jismu | | ta' Elimelek u Naomi. |
| 6 | Hi żżewġet lil Bogħaż u kellha iben | | għax Elimelek u wliedu mietu wara ftit. |



## Attività B

### 1. Sib it-tajba biex tgħaqqad l-istorja ta' Samwel.

a. Omm Sawmel kien jisimha (Marija, Anna, Eliżabetta).

b. Samwel meta tfarfar beda jgħix (fis-sinagoga, fit-tempju, fl-għarix).

ċ. Fit-tempju kien jieħu ħsiebu l-qassis (Eli, David, Sawl).

d. Darba sema' lil (missieru, Alla, Eli) jkellmu bil-lejl.

e. Samwel qal lil Alla: "Tkellem Mulej, il-qaddej tiegħek qiegħed jisma.'" B'dan ried ifisser: (għajjat aktar, spjegali aktar, li tgħidli nagħmlu).

ġ. Samwel kellu messaġġ għal Eli dwar (niesu, uliedu, ġensu).

g. Samwel wassal dan il-messaġġ lil Eli u messaġġi oħra li (Alla, ħuh, missieru) kien jibgħat permezz tiegħu.

### 2. Fl-istampi tal-iżbul ikteb żewġ kwalitajiet sbieħ li kellhom

**Samwel**

**Rut**

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

**Attività Ċ**

*Iddiskuti*

Carla u Katya kienu ħbieb tassew. Carla kienet tajba fl-isports, filwaqt li Katya ma tantx kienet tajba. Darba Carla u tifla oħra fil-klassi kellhom jagħżlu tim kull wieħed mill-istess klassi. Kulħadd xtaq li jkollu l-aħjar tim għax kull tim xtaq li jirbaħ. Il-klassi kollha kellha tilgħab, imma, s'intendi, l-aħjar tfal żgur li kienu ser jintgħażlu l-ewwel! Carla kienet taf li Katya ma tantx kienet tajba, għalkemm kienet tagħmel ħilitha kollha. Imma hi ddeċidiet li tagħżilha bir-riskju li jitilfu l-logħba.

1. Xi kwalità ta' persuna kienet Carla? ..............................................................................

   ..............................................................................................................................

2. X'hemm dejjem marbut mal-ħbiberija? ..............................................................................

   ..............................................................................................................................

3. **Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..............................................................................

   ..............................................................................................................................

   ..............................................................................................................................





# Għall-ġid tiegħi u tal-oħrajn

Il-kwalitajiet li jagħti Alla, jekk wieħed irid jikber u jsir aħjar, ma jistax iżommhom għalih biss. Dawn il-kwalitajiet, barra li jridu jissarrfu għall-ġid tal-persuna nnifisha, iridu jissarrfu wkoll f'qadi u servizz lejn l-oħrajn. Żgur li biex dak li nagħmlu nagħmluh sew u bil-qalb irridu nifhmu li spiss ukoll ikollna nbatu. It-tbatija hija neċessarja biex dak li jkun jifhem iservi u jgħin b'dak kollu li għandu lil ta' madwaru.

Iddiskuti

Attività A

## 1. Iddiskuti u imla l-fradal dwar xi tfisser għalik il-kelma "servizz":



Attività B

## 1. 'Issa, mela, ejja ħa nibgħatek għand il-Fargħun u oħroġ il-poplu tiegħi mill-Eġittu.'

***Hekk qallu Alla lil Mosè( Eż 3, 10)***

Aaron • palazz • prinċep • Lhud • Eġittu

**Kompli dawn is-sentenzi dwar Mosè.**

Mosè trabba fil-........................................... tal-Farghun. Hawnhekk hu għex

ta' veru ........................................... Eġizzjan. Alla qallu biex jerġa' jmur lura l-

........................................... u jitlob lil Fargħun iħalli........................................... 

lil-........................................... joħorġu mill-Eġittu. Mosè beża' jmur lura u bħala

għajnuna miegħu kellu jmur ħuh ...........................................

2. Wara li qrajt l-istorja ta' Mosè (Aqra Eż Kap 2-3) fil-qorq niżżel id-diffikultà li Mosè kellu jegħleb biex ikun ta' servizz għall-Poplu Lhudi. Dawn id-diffikultajiet kellhom x'jaqsmu:

- **1. miegħu nnifsu.**
- **2. bħala Lhudi qalb il-Lhud.**
- **3. bħala mexxej tal-Lhud.**

**Niżżel fil-kaxxa t-tajba.**

- it-tgergir tal-Poplu Lhudi fid-deżert
- kien ilaqlaq
- it-tgħajjir tal-Lhud




## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

**Attività Ċ**

*Iddiskuti*

Carmen malli tasal id-dar kienet tieħu gost tbiddel l-uniformi, tiekol xi ħaġa u tmur dritt għal kamritha. Hemm kienet tħossha komda tassew u hemm ġew kienet id-dinja tagħha. Kuġinitha Alison ġiet toqgħod magħhom minħabba li l-ġenituri tagħha kellhom isiefru malajr. Carmen kellha għażla x'tagħmel - jew tħalli lil kuġinitha li ma tantx kienet ordnata bħalha, taqsam il-kamra tagħha magħha, jew tħalliha torqod taħt it-taraġ.

a. X'kellha tagħmel Carmen biex tkun ta' servizz? ..........................................................

..........................................................................................................................................

b. X'taħseb li kienu t-tbatijiet ta' Carmen marbuta mal-għażla li taqdi?

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..........................................................

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................



# Kien kbir tassew!

**It-talenti tagħna jridu jissarrfu fl-imġiba tajba u ta' għajnuna lejn l-oħrajn. L-imġiba tajba mhux dejjem togħġob lil dawk ta' madwarna, anzi xi kultant iddejjaq lil dawk li jridu jgħixu kif iridu u jagħmlu li jridu. Bniedem li ħabb tassew u uża t-talenti tiegħu għall-ġid ta' niesu kien Martin Luther King, bniedem iswed li ħabrek u bata kemm felaħ sakemm ħalla ħajtu biex is-suwed ikunu rrispettati daqskemm kienu l-bojod.**

## Iddiskuti ma' sħabek u agħżel it-tweġiba t-tajba.

**Attività A**

L-isem propju ta' Martin Luther King kien ..........................................

Kien bniedem li ħadem kemm felaħ biex is- ..........................................

ikollhom l-istess drittijiet bħal tal-.......................................... Kien persuna

li kien jaf .......................................... tassew u għalkemm bħala bniedem

kien .........................................., imma qatt ma ħalla l-biża' jegħleb il-

.......................................... biex juri t-triq u sħabu jkunu jistgħu jimxu 'l

.......................................... Din id-determinazzjoni kollha ħallas għaliha

.................................................................... għax fl-aħħar ġie ..........................................

**Iddiskuti**

suwed • Michael • kuraġġ • bojod • iħobb • jibża' • maqtul • quddiem • qares

## Attività B




### Martin Luther King

a. X'kien iħobb jgħid spiss?

.................................................................................

b. Kemm kellu żmien meta rċieva l-premju Nobel? .........................................

ċ. Kien hemm xi ħaġa li laqtitek fih?

.................................................................................

.................................................................................

d. Kien magħżul ir-Raġel tas-sena. Meta?

.................................................................................

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ

Iddiskuti

Ġie tifel ġdid fil-klassi tagħna. Ma tantx donnu laqgħuh t-tfal u għalhekk kien iħossu differenti mill-bqija tal-klassi u allura kien joqgħod waħdu. Kull min kien joqgħod miegħu kien jitqies maqtugħ mill-kumplament tal-grupp tal-klassi. Andrew ma felaħx aktar u mar jiftaħ qalbu mal-għalliema. Din ħadet il-passi meħtieġa. Għalkemm ġie mwarrab kien joqgħod ma' dan it-tifel kuljum u jgħinu jsir aħjar.

a. Kif għandha tkun l-imġiba lejn dawk li forsi ma tantx jogħġbuna?

.................................................................................

b. X'għamel Andrew li kien jistħoqqlu tifħir? .........................................

.................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** .........................................

.................................................................................



# Alla jaħdem fl-istorja t'Artna

## Attività A

### Xi tfisser il-kelma '*eroj*'?

**Fuq kull tarġa niżżel kelma jew frażi li tmur mal-kelma '*eroj*':**



**Alla l-Missier li jħobb lil kulħadd ħares ukoll lejn Artna. Hu bagħtilna wkoll persuni bi kwalitajiet sbieħ matul l-istorja ta' pajjiżna biex lilna wkoll jurina t-triq. Dawn in-nies għallmuna kif għandna nħarsu lejn il-ħajja, x'għandna nagħmlu biex ngħixu sew u wkoll biex inħallu ambjent aħjar għal dawk ta' warajna. Dawn in-nies huma eroj.**

## Attività B

### 1.Wieħed mill-eroj Maltin huwa Dun Mikiel Xerri.

Wara li smajt l-istorja tiegħu kompli dawn is-sentenzi:

a. Dun Mikiel Xerri kien..............................................................................................

b. Hu mar jistudja......................................................................................................

ċ. Hu fetaħ skola għall- ...............................................................................................

d. Dun Mikiel qal din is-sentenza:

*"Qed nagħmel dan għal art twelidi u naħseb li din hija l-aħħar ħaġa li ħa nagħmel. Jekk tirnexxi mmut kuntent."*

e. B'din is-sentenza Dun Mikiel Xerri ried ifisser ..........................................................

f. Jissejjaħ patrijott Malti minħabba li ......................................................................



**2. Tista' ssemmi persuna li għalik hija eroj għax qed turik it-triq ta' kif għandek timxi biex tkun bil-għaqal?**

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

**Attività Ċ**

**Iddiskuti**

Kristu qalilna: *"Imħabba akbar minn din ħadd m' għandu, li wieħed jagħti ħajtu għal ħbieb."*

a. Barra li wieħed jiġi maqtul għall-oħrajn, semmi mod ieħor kif wieħed jista' jagħti ħajtu għall-oħrajn. ..........................................................

..........................................................

b. Int kif tista' tgħix din is-sentenza? ..........................................................

..........................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..........................................................

..........................................................

..........................................................



# It-tagħlim hu l-għajn ta' kull ġid

Mara li ħalliet marka kbira fuq is-Soċjetà Maltija fis-seklu għoxrin kienet it-tfajla Giannina Cutajar. Din f'età żagħżugħa kienet kapaċi taċċetta l-istedina li kien għamlilha San Ġorġ Preca biex tieħu f'idejha t-tagħlim tal-katekiżmu fost il-bniet. Biex tagħmel hekk, hi ħalliet kollox. Maż-żmien saret għalliema tal-Evanġelu u saret 'omm' tant u tant tfal bniet u aktar 'il quddiem anke ta' adulti li fittxewha biex jitgħallmu u jsiru jafu aktar lil Ġesù.



## Attività A

### Wara li smajt l-istorja ta' din it-tfajla imla' bil-kliem mogħti.

Ġannina, tfajla żagħżugħa aċċetat li tgħallem il- ................................................................

Ma kinitx ............................................................ din il-missjoni f'dak iż-żmien. Dan minħabba

l-.............................................................. li kien hemm u wkoll għax kienet ..........................................................

Bil-kuraġġ kollu użat l-intelliġenza u l-............................................................... li kellha

biex ................................................................. Flimkien ma' Dun Ġorġ waqqfet

is-sezzjoni tal-........................................................... tal-Mużew.



• injoranza • Bniet • faċli • mara • tgħallem • katekiżmu • edukazzjoni

## Attività B

X'taħseb li kellha din iż-żagħżugħa li għenha li tibqa' tissemma fl-istorja?

Ġannina Cutajar

*Kuraġġ kbir*

## Attività Ċ

Din għalik. Ara x'tgħidlek!

Iddiskuti

Marisa fetħet il-*lunch-box* tagħha għax kienet ċemplet il-qanpiena għall-brejk. Minn qabel, bħas-soltu, kienet diġà żerżqet minn taħt il-mejda kaxxa mimlija ħobż lil sieħbitha Jane. Omm Jane kienet l-isptar u allura hi ma kellha lil ħadd min jippreparalha l-ikel filgħodu. Ħadd ma kien jinduna għax kollox kien isir bil-moħbi u b'hekk sieħbitha ma kienet tħossha imbarazzata xejn quddiem sħabha tal-klassi.

a. Xi kwalità tammira f'Marisa? ..............................................................

b. Fejn kienet tidher l-imħabba vera ta' Marisa? ..............................................................

..............................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..............................................................

..............................................................



# U kollox reġa' ħa l-Ħajja

## Il-Profeta Eżekjel

Personaġġ ieħor li Alla nqeda bih biex permezz tiegħu jasal għand il-poplu tiegħu kien il-Profeta Eżekjel. Kien żagħżugħ u lil Alla kien tassew iħobbu u jafda fih. Alla wrieh wied mimli għadam li Kien jirrappreżenta l-Lhud fid-dnub. Alla kien għażlu biex ikellem lil dawn il-Lhud u jwasslilhom il-messaġġ ta' mħabba tiegħu. Eżekjel kellu t-tbatijiet tiegħu għax il-poplu mhux dejjem sema' minnu u għalhekk ħafna drabi kien iħossu waħdu.



## Attività A

### Wara li smajt il-ġrajja ta' Eżekjel (Eżek. 37: 1-14), wieġeb.

1. Semmi żewġ problemi li kellu l-poplu Lhudi?..............................................

   ..............................................

2. X'iġib id-dwejjaq fil-ħajja tagħna? ..............................................
3. X'iwassal għall-ferħ veru f'ħajjitna? ..............................................

   ..............................................

## Attività B

### Eżekjel ra wied mimli għadam.

**F'dawn l-għadam hemm sentenza. Għaqqad s-sentenza u iktibha f'postha.**

**l-ħajja?** | **Jista' dan** | **jerġa' jieħu** | **l-għadam**

..............................................

Kompli t-tweġiba ta' Eżekjel: 'Mulej, dan.............................................. '

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ

*Iddiskuti*

### Il-profeti kienu nies għal qalb Alla

Kienu jemmnu fl-imħabba t'Alla lejn il-poplu u allura kienu jitkellmu u juru lill-poplu bil-ħażen tiegħu u jfakkarhom fil-ħniena t'Alla. Kienu nies li batew biex iwasslu dan il-messaġġ. Eżekjel kien il-vuċi t' Alla għall-poplu.

a. Illum min iwassallek din il-vuċi? ..............................................

   ..............................................

b. Għalfejn għandna noqogħdu attenti għal din il-vuċi? ..............................................

   ..............................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..............................................

   ..............................................





Karatteristika ta' David kienet li kien iħobb ħafna lil Alla.

# Aħfirli, O Alla, fi tjubitek

## Is-Sultan David

Bniedem ieħor li niseġ l-istorja kien is-Sultan David. Irridu niftakru li meta Alla għażel nies biex jgħinuh, dan ma kienx ifisser li dawn kienu perfetti jew li mas-sejħa tagħhom saru hekk. Huma, la kienu bnedmin, kellhom in-nuqqasijiet u d-dnubiet tagħhom. Wieħed minn dawn kien David. David, f'ħajtu, għamel ġid kbir imma żbalja wkoll. Ħaġa importanti li kellu David kien li lil Alla kien iħobbu ħafna. Meta dineb, aċċetta l-iżball, talab maħfra lil Alla u qagħad ukoll għall-konsegwenzi li ġab id-dnub tiegħu. Permezz ta' dan il-bniedem, Alla wkoll irid jgħidilna li hu jħobbna, hu x'inhu l-istat tal-ħajja tagħna, imma dejjem iridna nkunu aħjar.

### Attività A

**Immarka dak li jgħodd dwar David**

**a. Bħala żagħżugħ kien:**

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| jirgħa n-nagħaġ | ☐ | idoqq l-arpa | ☐ | jgħallem lin-nies | ☐ | ħabib sinċier | ☐ |

**b. Bħala mexxej kien:**

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| maħbub ħafna | ☐ | traskurat f'xogħlu | ☐ | kuraġġ kbir | ☐ | ħila biex imexxi | ☐ |

## Attività B

**David kiteb ħafna poeżiji msejħin salmi. Għandna salmi ta' tifħir, ta' ringrazzjament, ta' maħfra, ta' adorazzjoni u ta' għajnuna.**

**Ħares lejn Salm 8.**

**Aqrah u mmarka l-parti li l-aktar li togħġbok. Għid x'tip ta' salm hu:**

*Salm 8*

*Mulej, Sid tagħna,*
*Kemm hu kbir ismek*
*Fl-art kollha!*
*Inħares lejn is-smewwiet*
*għemil subgħajk,*
*il-qamar u l-kwiekeb*
*li Int qegħedt fihom.*
*X'inhu l-bniedem biex int*
*tiftakar fih?*
*Bin il-bniedem biex int*
*taħseb fih?*

..........................................................................

..........................................................................

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

Iddiskuti

Ommok ma ħallitekx tmur għand ħabibtek għax kien sar il-ħin. Wara ftit talbitek pjaċir u int, bir-rabja kollha, għedtilha 'le'. Wara li ħsibt ftit indunajt li għamilt ħażin.

a. X'kellek tagħmel meta ommok ma ħallitekx tmur għand ħabibtek?

..........................................................................

..........................................................................

..........................................................................

b. X'kellek tagħmel meta ndunajt bl-iżball?

..........................................................................

..........................................................................

..........................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li**

..........................................................................

..........................................................................

..........................................................................

..........................................................................

## Attività Ċ



# L-Istorja tal-Knisja fis-seklu 20

## Il-Papa Ġwanni XXIII

Wieħed mill-papiet il-kbar li sawwar sew l-istorja tal-Knisja u allura l-mod kif għandna ngħixu bħala Nsara kien il-Papa Ġwanni 23. F'età pjuttost kbira ntgħażel Papa. Għalkemm kien qed jara quddiemu problemi kbar hu ma qatax qalbu u kienu x'kienu ċ-ċirkustanzi li dawruh, ħadem u stinka biex jaqdi lil Alla fil-missjoni li kien fassal għalih. Ma kienx faċli għalih imma b'kuraġġ u b'forza kbira baqa' miexi u rnexxa. Illum, wara tant snin baqa' msemmi għal dak li għamel u hu magħruf ukoll bħala l-Papa tat-Tjubija.

## Il-Papa tat-Tjubija. Agħżel it-tajba.

**Attività A**

a. L-isem propju tal-Papa Ġwanni XXIII kien (Angelo, Alfredo) Roncalli.
b. Hu kien (Taljan, Polakk).
ċ. Hu kien ġej minn familja (tal-bdiewa, tal-bdoti).
d. Il-motto tiegħu kien (obdi u jkollok il-paċi, itlob u ssib il-kwiet).
e. Sar isqof mill-Papa (Piju Xi, Piju X).
f. Hu laħaq Papa wara li miet (Piju XI, Piju XII).
ġ. Kien elett minħabba (l-età, l-intelliġenza) tiegħu, kif ukoll għall-umiltà li kellu.
g. Ta' madwaru qatt ma basru li kellu dak is-sens ta' umoriżmu, u li kien daqshekk (ħanin, paċenzjuż) li hu għaġġeb lil kulħadd.
għ. Kien spiss iżur (il-ħabsin, l-istudenti) u jieħu gost magħhom.
h. Kien hu li ġab tibdil kbir fil-Knisja permezz tal-(Konċilju Vatikan1, Konċilju Vatikan II).
ħ. Konċilju hu dik il-laqgħa li ssir (mill-kardinali, mill-isqfijiet) biex isir tibdil fil-liġijiet tal-Knisja.





## Attività B

### 2. Wieġeb

a. Kull Papa hu suċċessur ta' San Pietru. Xi tfisser suċċessur? ...........

..............................................................

..............................................................

..............................................................

b. Fejn jgħix il-Papa? ................................

..............................................................

ċ. Min hu l-Papa preżenti? ......................

..............................................................

d. Minn liema pajjiż ġej? ..........................

..............................................................

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ

Iddiskuti

Mark kien tifel, li kien jaf jieħu ċajta u intelliġenti. Mhux l-ewwel darba li kien iġib lil sħabu daharhom mal-ħajt bit-tweġibiet pronti tiegħu. Darba sema' lil wieħed minn sħabu jgħid fuqu u sħabi waqqgħuh għaċ-ċajt. Ħa ftit għalih u weġġa' ftit ukoll u kien ser idur fuq sieħbi u jgħidlu xi ħaġa. Imma le. Waqaf u ma qal xejn. Xi jumejn wara, meta spiċċat l-iskola, sieħbu kellu bżonn li jitla' ma' xi ħadd, għax ommu waqfitilha l-karozza. Mark offrielu biex jitla' magħhom.

a. Meta hu tajjeb li tiċċajta? ..............................................................

b. Għalfejn ma kienx faċli għal Mark li ma jgħid xejn? ......................

..............................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..............................................

..............................................................



# Naħdmu biex inkomplu niktbu l-istorja

Minn dak kollu li rajna u smajna s'issa, ikollna nammettu li ta' qabilna batew biex għamlu s-sew u ħallew dan is-sew bħala wirt għalina. Mhux dejjem hu faċli li tagħmel dak li hu sew anzi ħafna drabi mhu faċli xejn. Allura hu għaqal li naħsbu qabel kull azzjoni li nagħmlu ħalli nagħżlu t-tajjeb u nwarrbu l-ħażin. Persuni li fil-verità jridu l-ġid lilhom infushom huma dawk li meta jindunaw liema hija l-azzjoni t-tajba, allavolja jbatu jmiddu għonqhom biex jagħmluha. B'hekk inkunu qed naħdmu biex inkomplu nfasslu l-istorja.

## Attività A

Meta nisimgħu l-kelma 'determinazzjoni' x'jiġina f'moħħna?



## Attività B

**Ġesù meta kien fid-dinja wera biċ-ċar li kien determinat li jwassal fi tmiemha l-ħidma tiegħu. Din swietlu ħajtu imma hu spiċċa sodisfatt għax wettaq dak li kien mitlub minn Missieru. Ħares lejn dawn l-episodji mill-ħajja ta' Ġesù u qabbilhom biex turi d-determinazzjoni tiegħu li jwettaq dak li kien hemm bżonn.**

### Qabbel il-ġrajja mal-kliem ta' Ġesù.

| | | |
|---|---|---|
| 1.Il-qawmien mill-mewt ta' bint Ġajru. Mk 5, 22-43 | ☐ | "Itlaq 'l hemm ja xitan." |
| 2.Il-fejqan f'jum is-Sibt. Lq 13, 10-17 | ☐ | "La ġġarrabx lill-Mulej Alla tiegħek." |
| 3.Pietru ma jridx lil Ġesù jbati. Lq 22, 7-23 | ☐ | "Ħallu t-tfal jiġu għandi u la tkeċċuhomx." |
| 4.Ġesù fid-deżert. Mt 4, 1-11 | ☐ | "It-tifla mhix mejta imma rieqda." |
| 5.Ġesù mat-tfal. Mk 10, 13-16 | ☐ | "Din il-mara hija wkoll bint Abram." |

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ

Iddiskuti

Peter kien determinat tassew. Xi ġimgħat qabel sieħbu kien ħallieh barra mit-tim biex għażel lil xi ħadd li skont hu, ma kienx jilgħab tajjeb daqsu u baqa' jħewden kif ser ipattihielu. Darba tefa' xi flus li sab fuq il-mejda tal-għalliema fil-ġakketta ta' Tom u weħel Tom.

a. Taħseb li Peter kien veru ħabib? ..............................................................................

..........................................................................................................

b. Fejn wasslitu lil Peter id-determinazzjoni tiegħu? ..........................

..........................................................................................................

**ċ. Għallhekk, jien irrid nifhem li** ..........................................................

..........................................................................................................



# Alla jieħu ħsiebna

Alla jħobbna tassew! Hu tassew jieħu ħsiebna u jagħtina dak kollu li neħtieġu biex aħna nikbru f'persuni tassew bil-għaqal. Fit- Testment il-Qadim fil-Ktieb tal-Għerf 12, 13 insibu din is-sentenza sabiħa li tgħid hekk: '*Għaliex m'hemmx Alla ieħor ħliefek li jieħu ħsieb kollox*'. Fit- Testment il-Ġdid fost il-ħafna sentenzi li għandna, insibu din li tinsab fl-ewwel ittra ta' San Pietru 5, 7 li tgħid hekk: '*Ixħtu fuqu il-ħsibijiet kolla tagħkom għax hu jaħseb fikom*'. Issa aħna min-naħa tagħna, irridu napprezzaw dan kollu u naħdmu biex bis-serjetà nsiru aħjar.

## Attività A

Ġesù qalilna: ***"Ħarsu lejn it-tajr tal-ajru li, la jiżirgħu u lanqas jaħsdu u lanqas igeddsu fl-imħażen, u madanakollu Missierkom li hu fis-smewwiet jitmagħhom. Intom ma tiswewx aktar minnhom?"*** *(Mt 6, 26)*

a. Uri din is-sentenza permezz ta' tpinġija.

**b. Din is-sentenza titkellem dwar Alla. X'qed tgħidlek eżatt?**

............................................................................................................................................

............................................................................................................................................

## Attività B

**Alla jieħu ħsiebna tassew. Fil-fjuri li għandek niżżel dawk l-affarijiet li taħseb li permezz tagħhom Alla l-Missier qed jieħu ħsiebek.**



## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ

*Iddiskuti*

Martha ħarġet mid-dar. Ħalliet lill-mamà tagħha marida fis-sodda u kienet ilha marida mhux ħażin. Fi triqitha lejn il-knisja biex tieħu sehem fil-quddiesa, ltaqgħet ma' Michela u din qaltilha hekk: 'Nammirak jien lilek! Għalkemm għandek il-mard xorta dejjem tidher kalma u dejjem ippreparata fil-klassi.' Martha weġbitha: 'Mhux dejjem inkun ferħana tafx, imma nemmen li Alla jħobbni u mhux ser iħallini waħdi. Dan il-ħsieb jgħinni tassew.'

a. Kif tista' tiddiskrivi lil Martha? ..........................................................................................

..........................................................................................................................................

b. Għalfejn Martha kienet kapaċi tkompli bil-ħajja tagħha? ..........................................

..........................................................................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ............................................................................

..........................................................................................................................................

..........................................................................................................................................








# Irrid nistmak għax hekk jixraqlek

M'aħniex ngħixu u nikbru weħidna. Aħna mdawrin b'nies li magħhom u permezz tagħhom kull wieħed u waħda minna jaslu biex jikbru f'ċittadini u Nsara tajbin. Mhux kulħadd jogħġobna l-istess. Hemm min jogħġobna ħafna, min ftit u min xejn. Imma lil kulħadd irridu nistmaw u ma rridu nonqsu lil ħadd.

Lil dawk li ma jogħġbuniex irridu nagħmlu sforz akbar biex ma nonqsuhomx, u nħobbuhom, imma dan irridu nagħmluh bil-qalb għax Ġesù hekk irid minna. Hu ħabb lil kulħadd. Ma warrab lil ħadd u aħna fuq l-eżempju tiegħu rridu nagħmlu l-istess.

## Attività A

Għandna persuni li huma marbutin ħafna mal-ħajja tagħna u mal-iżvilupp tagħna. Dawn jistħoqqilhom kull rispett.

**Fuq l-iskalluni tas-sellum ikteb min huma dawn in-nies u għid għaliex huma daqshekk importanti.**

| | |
|---|---|
| | |
| | |
| | |
| | |
| *Il-Ġenituri* | *Jew dawk li jieħdu ħsiebna jaħdmu biex aħna ma jkun jonqosna xejn.* |

## Attività B

**Ir-rispett u l-imħabba li Ġesù wera lejn kulħadd hija mifruxa tul il-Vanġelu kollu. F'San Mattew Kap 15, 21-28, insibu storja ta' mara li kienet ġejja minn razza tal-Kananin, razza li ma kienitx tinżel xejn tajjeb mal-Lhud. Din marret għand Ġesù għax kellha bżonn l-għajnuna u Ġesù ta dak li kellha bżonn.**

### Agħżel it-tajba.

a. Għalfejn taħseb li Ġesù weġibha: "Mhux sew li nieħu l-ħobż tat-tfal u nagħtih lill-klieb?" (Biex jidħak biha. Biex aktar jippremjaha meta jara l-fidi kbira li kellha.)

b. Kif kienet tħares lejn Ġesù dik il-mara? (b'indifferenza, b'fidi kbira.)

ċ. Taħseb li l-appostli kienu jħarsu sew lejn din il-mara?
(Le, għax kienet qed iddejjaqhom. Iva, għax urew rispett.)

d. X'sentenza turi li din il-mara kienet temmen ħafna?
("Il-ġriewi wkoll jieklu minn dak li jaqa". "Jien bħall-oħrajn.")

e. Liema sentenza turi kemm ħabbha Ġesù?
(Ikunlek dak li tixtieq. Mur issa nara x'nagħmel).

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ

*Iddiskuti*

Rita ħarġet mid-dar u sabtet kemm felħet il-bieb. Kellha tmur tixtri lil zijitha li kienet tgħix magħha. Kienet għadha ġejja mill-iskola u mhux l-ewwel darba li zijitha kienet tinsa tixtri l-ħobż. Għalkemm kien ikollha ġuħ ta', kienet toħroġ tixtri hi. Hi u ġejja lura ddispjaċieha għax indunat li z-zija kienet tieħu ħsiebha tassew u hi kellha tieħu paċenzja meta jkollha toħroġ tixtri. Iddiskuti:

a. X'tgħidlek l-imġiba ta' Rita fil-bidu tal-istorja? ......................................................

b. X'għandhom jagħmlu Rita u zijitha biex fil-verità
jkunu qed jistmaw waħda lill-oħra? ..............................................
..............................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..............................................
..............................................................................................



# "Għall-kelma tiegħek

Ġesù kien l-aqwa għalliem għax b'ħajtu wera biċ-ċar x'jiġifieri tgħallem u tagħmel dak li tgħallem. Ġesù qal din is-sentenza: Dan hu l-kmandament tiegħi: '*Ħobbu lil xulxin bħalma ħabbejtkom jien* ' (Ġw 15:12). U hu fil-verità għex din is-sentenza. Ħajtu kienet imħabba kontinwa, jgħallem, ifejjaq, iwissi, jaħfer u jgħin b'kull mod. Dan kollu wasslu sa fuq is-salib.

## Attività A

**L-imħabba nsemmuha u rriduha ħafna.**

Ikteb 4 modi ta' kif Ġesù wera li kien għalliem tajjeb?

Iddiskuti



## Attività B

**Ġesù kien aqwa minn kull għalliem ieħor fid-dinja. Dan narawh f'ħafna mill-ġrajjiet li għadda minnhom meta kien fid-dinja. Waħda minn dawn il-ġrajjiet hija l-qabda tal-ħut.**

**Aqra s-silta tal-Qabda tal-ħut (Lq 5,1-8) u għaqqad l-istorja.**

### 1. Għaqqad l-istorja

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Ġesù qagħad jgħallem | ☐ | u tefa x-xbiek |
| 2 | Wara talab lil Pietru jitfa' | ☐ | kellhom isejħu dgħajsa oħra. |
| 3 | Pietru wrieh li kienu ilhom | ☐ | mid-dgħajsa ta' Pietru |
| 4 | Imma Pietru obda | ☐ | x-xbiek il-baħar. |
| 5 | Tant kienet kbira l-qabda li | ☐ | lejl sħiħ u ma qabdu xejn |

# “Itfa' x-xbiek”



## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

Attività Ċ

Iddiskuti

**Pietru qatt ma stenna li jkollu dik il qabda ħut. Pietru żgur li qatt ma stenna dak li ġara.**

a. Kif taħseb li ħassu quddiem Ġesù? ..............................................................................

b. Pietru, għalkemm kien jifhem ħafna fejn jidħol il-ħut, obda lil Ġesù. X'taħseb li hu l-vantaġġ ta' min jobdi?..............................................................................

..............................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..............................................................................

..............................................................................

..............................................................................



# "Għid kelma waħda u l-qaddej tiegħi jfiq"

Ġesù kien jinkuraġġixxi lil kulħadd biex jersaq lejh u jitolbu l-għajnuna. L-imġiba tiegħi mal-oħrajn kienet waħda li tispira mħabba, rispett u ġenerożità. Din l-imġiba kienet tolqot mhux biss lil-Lhud imma wkoll lil dawk li ma kinux Lhud. Xi wħud minn dawn meta ndunaw tassew Ġesù min kien, huma stess marru biex jitolbuh l-għajnuna. Wieħed minn dawn kien iċ-Ċenturjun Ruman.



## Attività A

Aqra s-silta (Lq 7,1-10)

**Aqra s-silta minn San Luqa. Iddiskuti u wieġeb dawn il-mistoqsijiet.**

a. Mill-istorja ikteb żewġ kwalitajiet li tinnota fil-karattru taċ-Ċenturjun.

.......................................................................................................................................

b. Kif taħseb li ċ-Ċenturjun kien iħares lejn Kristu?

.......................................................................................................................................

ċ. Għalfejn faħħru daqshekk Ġesù liċ-Ċenturjun?

.......................................................................................................................................

d. X'kienet l-ikbar kwalità li Ġesù ammira fiċ-Ċentrujun?

.......................................................................................................................................



## Attività B

Kif nistgħu nuru l-fidi tagħna f'Ġesù meta nkunu f'dawn iċ-ċirkustanzi?

Iddiskuti

| | |
|---|---|
| Sieħbi daħak bija. | |
| Immur nieħu sehem fil-quddies regolari. | |
| Ittentat/a li nigdeb ħalli ma niħux kastig. | |
| Bin-nervi għax irrid immur naqdi lil ommi. | |

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ

Iddiskuti

**Ġesù kien iħobb lil kulħadd tassew. Kieku kellu jiġi llum x'taħseb li kien jgħidilna dwar dawn. Agħżel:**

a. Imħabba vera tfisser (naħseb għar-rasi, imbati biex ngħin)

b. Imġiba mal-oħrajn tfisser (solidarjetà, nagħmel li jaqbilli)

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..........................................................

..........................................................................................................



# Alla jistħoqqlu l-ġieħ tagħna

Fil-ħajja tagħna niltaqgħu ma' persuni li jħallu effett kbir fuq ħajjitna, tant li nkunu nixtiequ li nsiru bħalhom. Fi żmien Ġesù kien hemm nies li xtaqu jsiru jixbħuh għax kienu jammiraw il-mod ta' kif kien jitkellem, kif kien iġib ruħu ma' dawk li jaqblu miegħu u dawk li ma kinux jaqblu miegħu. Ġesù kien l-aktar bniedem perfett għax ħadd daqsu m'għamel ġid u ħabb fil-verità u wera t-triq ta' 'l fejn għandna nimxu.

## Attività A

**Aqra is-silta Lq 20, 20-26**

**Aqra s-silta tal-Munita ta' Ċesare u wara ddiskuti dawn il-mistoqsijiet.**

**1. Fil-munita t'hawn taħt niżżel kif taħseb li kienu jħarsu lejn Ġesù il-Fariżej.**






**2. Agħżel it-tajba.**

Iddiskuti

a. Is-sitwazzjoni tal-Lhud taħt ir-Rumani kienet (tajba, ħażina)
b. Lil Ġesù staqsewh biex (jitgħallmu, iġarrbuh)
ċ. Ġesù talabhom munita biex (ifissrilhom eżatt, jidħak bihom)
d. Ġesù qal li rridu (nagħtu, nieħdu) lil kulħadd dak li hu tiegħu.



## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

**Attività Ċ**

*Iddiskuti*

Mirco kien imrobbi f'familja fejn kulħadd kien jieħu ħsieb kulħadd u jaqsam li jkollu ma' kulħadd. Magħhom kienet toqgħod in-nanna li mhux dejjem kienet tħossha komda minħabba li l-istorbju kien idejjaqha u allura diski ma tantx kien jista' jisma' jekk mhux bil-*headphones*. Imma n-nanna kienet għallmitu wisq affarijiet biex jiġġieled magħha fuq ħaġa daqshekk żgħira.

a. Kif kienu juru rispett lejn xulxin il-familja ta' Mirco? ..............................................

..............................................................................................................

b. Mirco meta kien jeħtieġlu juri l-aktar rispett? ..............................................

..............................................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..............................................

..............................................................................................................



# Ġesù kien japprezza lil kulħadd. Hu l-mudell ta' kif għandna nieħdu ħsieb xulxin.



# Nobdikom

Waħda mill-kwalitajiet li tgħinna nimxu 'l quddiem fil-ħajja tagħna bħala ċittadini u bħala Nsara hija l-ubbidjenza. Din tgħinna napprezzaw u nieħdu ħsieb dawk li huma fl-awtorità. Li tobdu mhux dejjem hu faċli għax xi drabi trid tmur kontra dak li tixtieq tagħmel int. L-ubbidjenza tgħinna nikbru bil-għaqal u turuna t-triq għal għand Ġesù. Insibu lil Ġesù stess li kien ubbidjenti lejn Ommu Marija u San Ġużepp tiegħu allavolja kien Alla. (Lq 2, 41-51)

## Attività A

**Aqra s-silta minn Lq 2, 41-51**

**Ġesù jurina kif għandna nobdu. Agħti numru lis-sentenzi biex jiġu wara xulxin. L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.**

| | |
|---|---|
| L-għorrief skantaw bil-għerf tiegħu. | |
| Ġesù mar mal-ġenituri tiegħu Ġerusalemm. | 1 |
| Ommu u missieru kienu qed ifittxuh. | |
| Baqa' skantat bil-ġmiel tat-tempju. | |
| Damu 3 ijiem jiġru 'l hawn u 'l hinn, ifittxuh. | |
| Hemmhekk sab xi għorrief fil-liġi u qagħad magħhom. | |
| Meta sabuh ommu staqsietu għaliex kien għamel hekk. | |
| Hu mar magħhom u kien ubbidjenti lejhom. | |
| Hu wieġeb li l-missjoni tiegħu kienet li jkun f'dak li kien ta' Missieru. | |
| Ġesù kiber fl-għerf, fl-għaqal u fl-imħabba lejn Alla u lejn l-oħrajn. | |

## Attività B

*Iddiskuti*

### Iddiskuti

a. X'tgħidlek il-frażi – u kien ubbidjenti lejhom?

b. Għalfejn taħseb li Ġesù kiber fl-għerf u fl-għaqal u fl-imħabba lejn Alla u lejn il-bnedmin?

ċ. Semmi 3 okkażżjonijiet meta biex tobdi trid tbati

d. Għalfejn trid tbati biex tobdi?

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ

*Iddiskuti*

Hemm film li tixtieq tara, imma jeħtieġ li tmur għal-lezzjoni tal-katekiżmu. Ommok mhux hemm u ħa ddum ma tiġi, imma qaltlek biex tmur.

a. X'hemm bżonn li tagħmel int? ..............................................................................

b. Min jobdi jkanta vittorja. U hekk hu. Imma meta taħseb li tgħodd din is-sentenza? ..............................................................

..............................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..............................................................

..............................................................................................



4.1

# Il-Milied festa tassew

**Il-Milied hu żmien sabiħ li jġib miegħu ferħ, paċi u mħabba. Ġesù twieled għalina biex isalvana u jgħaqqadna flimkien bħala familja waħda. Dan iż-żmien ma jfissirx biss ir-rigali u s-siġra tal-Milied, imma li ngħinu lil min hu fil-bżonn u dawk inqas ixxurtjati minna. B'hekk il-Milied ikun festa tassew. Il-veru Milied ikun jekk ngħaddu l-paċi u l-għaqda lil ħaddieħor biex il-Mulej iħobb permezz tagħna.**

## Attività A

### Imla l-vojt b'dan il-kliem li għandek issibu fil-kaxxi t'hawn taħt.

Ġesù • Betlem • Ġużeppi • ferħ • paċi • għaqda • twelid • Marija • presepju • sabiħ • mħabba

Il-Milied hi festa ta' .............................................. tassew. Madwarna naraw ambjent ..................................... li fih niċċelebraw it-..................................... ta' Ġesù Bambin. ....................................... u .............................................. daħlu ġewwa għar f' .............................................. Kull darba li nuru .............................................. u .............................................. ma' ħaddieħor inkunu qed ngħixu l-Milied. Għalhekk Ġesù ġie fid-dinja biex iġib il-..............................................fost il-bnedmin. Niftakru li .............................................. twieled għal kulħadd. U minbarra is-siġra tal-Milied ejjew narmaw il-Bambin fil-.............................................. li juri l-veru Milied.

## Attività B

**Qabbel kolonna A ma' kolonna B.**
**L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.**

| | |
|---|---|
| Il-Milied iġib | twieled ġewwa grotta biex jifdina. |
| Ġesù Bambin | dejjem qalet iva għas-sejħa tal-Mulej! |
| San Ġużepp | narmawh biex ikollna lil Ġesù fil-maxtura. |
| Il-Madonna | wassal lil Marija sa Betlem. |
| Il-presepju | hena u paċi kullimkien. |

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ

Iddiskuti

a. Ftakar fl-aħħar festa tal-Milied. Kif iċċelebrajtha din il-festa? ....................................

..........................................................................................................................

b. Il-Milied hija festa tal-Bambin. X'tgħidlek din is-sentenza? ..........................................

..........................................................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ........................................................................

..........................................................................................................................

..........................................................................................................................



4.2

# Il-Ferħ tal-Milied

**Meta nkunu flimkien niċċelebraw inkunu ferħanin. Nistgħu nieklu, inżejnu u nilagħbu flimkien. Nistgħu ngawdu u naqsmu dak li jkollna bejnietna. Nistgħu nidħku, nagħtu r-rigali, ngħinu u nkunu ta' servizz għal xulxin. Dan hu li jgħaqqadna flimkien bħala familja waħda, familja kif jixtieq Ġesù. Dan il-ferħ nistgħu ngħixuh meta niċċelebraw it-twelid ta' Ġesù li ġie fostna.**




## Attività A

**Imla l-vojt bit-talba tal-anġlu t'Alla.**
**Il-kliem li għandek bżonn issibu fil-kaxxi t'hawn taħt.**

**Marija • kelmtek • Santu • qaddejja • iben • għammar • bniedem • omm • Mulej**

L-anġlu t'Alla ħabbar lil .................................... U hija saret ....................................

mill-Ispirtu s-.................................... Hawn hi l.................................... tal-

.................................... Ikun minni skont ....................................

U l-.................................... t'Alla sar....................................

U .................................... fostna.

## Attività B

**Għaqqad dawn biex jagħmlu sentenzi tajbin.**
**L-ewwel waħda lesta.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Il-kummerċ | | mal-familjari u l-ħbieb. |
| 2 | Fejn hemm ir-rispett | | il-familja kollha tkun id-dar. |
| 3 | Nixtiequ nqattgħu l-Milied | | biex ngħixu fil-paċi. |
| 4 | Meta jkollna xi festin | 1 | inaqqas l-importanza tal-veru Milied. |
| 5 | Il-Mulej ġie fid-dinja | | hemm l-għaqda bejnietna |



## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

Din is-sena l-familja ta' Frida ddeċidiet li ġġib lil xi ħadd speċjali għall-festa tal-Milied. Ġabu tifla ta' kulur skur ħelwa ħafna.

a. Jekk ikollok festin lil min tixtieq li jkollok miegħek? ................................

.............................................................

**Attività Ċ**

**Iddiskuti**

b. Taħseb li l-familja ta' Frida kellha Milied speċjali? Għaliex?........

..........................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..........................................

..........................................................................................



4.3

# Dan kien tassew Milied

**Il-gwerra ġġib il-mibegħda, il-qtil, il-kefrija u tagħmel ħafna għedewwa. Is-sbuħijia tal-paċi ġġib l-għaqda u l-imħabba anki f'ċirkustanzi ta' gwerra. Hekk ġara fil-gwerra tal-1914 fi żmien il-Milied. Fi Franza is-suldati Ingliżi u Ġermanizi f'din il-gwerra ħassew il-bżonn tal-paċi u ddeċidew li jingħaqdu u jiċċelebraw. Din l-għaqda u l-paċi ta' bejniethom għinuhom isiru ħbieb għalkemm għal ftit!**

## Attività A

**Wara li smajt l-istorja ta' din il-ġrajja ħelwa, kompli bi kliem addattat.**

a. Din il-gwerra kienet bejn is-suldati Ingliżi u ..........................................................................

b. Dawn is-suldati ddeċidew li fil-Milied ..........................................................................

ċ. Biex jiċċelebraw din l-għaqda is-suldati bdew ..........................................................................

d. Imma l-għada reġgħu bdew jiġġieldu għax ..........................................................................

e. Hija ġrajja ħelwa imma ta' swied il-qalb għax ..........................................................................





## Attività B

**Daħħal il-kliem li hemm fil-kaxxa fejn jeħtieġ.**

paċi • ġlied • mħabba • bnedmin • sid

a. Nimpenjaw ruħna favur il-..........................................u qatt ma nħallu li niġu influwenzati minn xi ideat ta' tipi ta' ..........................................

b. Alla hu s-..........................................tal-ħajja u huwa jagħtihielna u huwa joħodhielna.

ċ. Fattur ieħor li joħodha kontra l-ħajja hu li ma nurux solidarjetà u .......................................... lejn il-proxxmu.

d. Il-gwerer jieħdu l-ħajja tal-..........................................

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ

**Iddiskuti**

Sharon kienet dejjem toħlom li tiġi l-ewwel fil-klassi. Kien hemm Mariella li kienet tassew brava. Sharon saret ħabiba ta' Mariella għax kienet persważa li kienet ser tiggwadanja minn din il-ħbiberija. Min-naħa l-oħra Mariella kienet tieħu ħafna paċenzja f'Sharon imma qatt ma qaltilha xejn għax Mariella kienet temmen tassew fil-ħbiberija.

a. X'hemm komuni bejn Sharon u l-uffiċċjali tas-suldati tal-gwerra? ..........................................

..........................................

b. X'hemm komuni bejn Mariella u s-suldati tal-gwerra?..........................................

..........................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..........................................

..........................................



# Il-Paċi fid-dinja



Il-gwerer jibdew minn xi kap ta' pajjiż li jaħseb li hu kbir biżżejjed biex jikkontrolla kollox u lil kulħadd. Il-kawża ta' disgwid ġeneralment tkun l-għira u l-pika. Kultant ninsew li l-aktar ħwejjeġ importanti huma l-imħabba u l-paċi li jibdew minha nfusna. Jekk aħna jkollna din l-imħabba u l-paċi nkunu mbagħad kapaċi ngħadduhom lill-oħrajn.

**Attività A** Il-kelma 'paċi' tfisser

a. ................................... b.................................. ċ. ...............................

## Attività B Għaqqad l-istorja mal-kwalità.

| | |
|---|---|
| PAĊI | Miet missier Lisa u Janet marret għandha biex tkun magħha f'dan il-mument. |
| FERĦ | Wasal lura mill-isptar u għamilna festa biex niċċelebraw il-wasla lura tiegħu. |
| SOLIDARJETÀ | Għalkemm Kate ma ġietx minn ta' quddiem fl-eżamijiet, xorta ferħet lil ħabibitha Kim li ġiet l-ewwel |
| IMĦABBA | Rita ma kellhiex kompjuter u riedet tuża wieħed minħabba proġett u jien għedtilha biex tiġi għandi. |
| GĦAJNUNA | Jason u Andrew kienu miġġildin u Jake kellimhom u bata sakemm għamilhom ħbieb. |

## Din għalik. Ara x'tgħidlek! Attività Ċ

Iddiskuti

Patrick kien jidher li hu tifel kuntent u ħabib ma' kulħadd. Imma malli kien jitkellem Tim kont tarah ibiddel il-kulur ta' wiċċu u jipprova dejjem iwaqqa' dak li jkun qed jgħid.

a. Taħseb li Patrick kien iħobb lil kulħadd? ..................................................

b. X'taħseb li kienet il-problema tiegħu? ..................................................

..................................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..................................................

..................................................................................................

..................................................................................................



4.5

# Niżlu jadurawh

Ir-rgħajja marru jaduraw lil Ġesù ġol-għar. Kienu nies komuni. Il-Mulej ma jarax il-kobor, iċ-ċokon, is-sabiħ jew l-ikrah. Il-Mulej Ġesù jħares lejn dak li jkollna f'qalbna - l-imħabba bħal dik li wera Hu meta niżel fostna! Għalhekk għażel li jkunu r-rgħajja l-ewwel li jarawh għax fihom ra nies sempliċi u twajba. Kemm għandna għalxiex inħobbu lil Alla li bagħat lil Ibnu biex jurina l-imħabba, ġab il-ferħ, il-paċi u l-għaqda u fetħilna t-triq għall-ġenna.

**Attività A** **Fl-istilel ikteb erba' kelmiet jew frażijiet qosra biex tiddiskrivi lir-rgħajja.**



## Attività B

**Aqra dawn is-sentenzi u poġġihom b'mod li jagħmlu storja.**

- [ ] Dawl kbir idda madwarhom.
- [ ] Ir-rgħajja kienu mal-merħliet tagħhom.
- [ ] L-anġlu tal-Mulej deher lir-rgħajja fuq l-għoljiet.
- [ ] Raw u semgħu wkoll għad kbir ta' anġli jagħti l-paċi lill-bnedmin ta' rieda tajba.
- [ ] Anġlu kollu dija qalilhom li kien twieled il-Feddej.
- [ ] Huma niżlu għarkubtejhom u tawh qima.
- [ ] Huma ħaffu lejn fejn kien l-għar.
- [ ] Sabu t-tarbija fil-maxtura ma' Ġużeppi u Marija.
- [ ] Kienu l-ewwel nies li semgħu bit-twelid tiegħu u li rawh.

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ

**Iddiskuti**

a. Kieku kont wieħed mir-rgħajja x'kont tħoss b'dik l-aħbar f'dak il-lejl kiesaħ? ...........

..........................................................................................

b. Għalfejn taħseb li kienu propju r-rgħajja li rawh l-ewwel? ...........

..........................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..........................................

..........................................................................................

..........................................................................................



4.6

# X'jgħallimna l-Milied

Kull pastur għandu x'jgħallimna għax il-pasturi kollha wrew bil-mod tagħhom il-ferħ, l-għaqda u l-imħabba ma' Ġesù Bambin f'dak il-lejl kiesaħ tax-xitwa. Marija u Ġużeppi għamlu li setgħu biex Ġesù jkun komdu. L-anġli u l-istilla xandruh u ħabbruh bl-aktar mod sabiħ. Ir-rgħajja u l-Maġi adurawh u tawh il-qima li kienet tixraqlu. Il-baqra u l-ħmara saħħnuh bin-nifs u l-preżenza tagħhom.

## Attività A Din hi l-istorja tal-Milied

Imla l-vojt. Ara Mt 2, 1-12

**Betlem • tliet • jarah • nadurawh • re • Lvant • profeti • Erodi • Iżrael • kbarat**

Ġesù twieled f'.................................................... tal-Lhudija. Dan ġara meta .................................................... kien re. Wara li Ġesù twieled .................................................... slaten Maġi ġew mil-Lvant f'Ġerusalemm. Staqsew: "Fejn twieled dak li hu .................................................... tal-Lhud? Meta konna fil-.................................................... rajna l-kewkba tiegħu. Issa ġejna biex ....................................................!" Meta r-re Erodi sema' b'dan kien irrabjat. Hu sejjaħ lill- .................................................... tal-Lhud u staqsiehom fejn kellu jitwieled il-Messija. "F'Betlem tal-Lhudija!"Hekk kienu qalu l-.................................................... . "Inti Betlem art ta' Ġuda,....u minnek għad jitwieled is-sultan ta' ....................................................."

Erodi bagħathom Betlem. Qalilhom biex meta jsibuh jgħidulu fejn ħalli hu wkoll imur .................................................... Imma hu ried joqtlu mhux jadurah.

## Attività B Liema Pastur tixtieq li kont fl-għar ta' Betlem u għaliex?

Il-Madonna • San Ġużepp • Il-ħmara • Il-kewkba • Ġesù fil-maxtura • Is-slaten Maġi

Jien nixtieq inkun ................................................... għax ..................................

....................................................................................................................

....................................................................................................................



## Din għalik. Ara x'tgħidlek! Attività Ċ

Iddiskuti

Patricia kienet fis-seba' sema. Kienet qagħlet ħafna rigali. Xi ftit ma tantx għoġbuha, jew għax diġà kellha bħalhom jew għax ma kinux interessanti biżżejjed għaliha. Meta ġiet mitluba tagħti xi ħaġa milli qalgħet, hi tat dawn ir-rigali.

a. X'tgħidlek Patricia fuqha nnifisha?........................................................

....................................................................................................................

b. X kellha tagħmel biex tkun fil-verità qed tħobb kif ħabb Ġesù?..........................

....................................................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..........................................................

....................................................................................................................



# Min huma ħbiebna?

L-ewwel ħbieb li kellna żgur li kienu l-ġenituri tagħna jew dawk li ħadu ħsiebna u li għamlu tant għalina biex aħna seta' jkollna dak li neħtieġu. Kbirna u ltqajna ma' ħbieb ġodda. Sirna nafuhom l-iskola, il-Mużew jew f'xi għaqda oħra bħal tal-iskawts, jew f'xi għaqda sportiva. Irridu nagħmlu differenza bejn ħbieb ma' kulħadd u ħbieb tal-qalb.

## Attività A

**Qabbel il-frażijiet biex tgħaqqad is-sentenzi.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Biex insibu ħbieb tajbin | | ħalli qatt ma nweġġgħu lil sħabna |
| 2 | Nġħinu lill-ħbieb | | meta jibqgħu mieġħek fil-mument tal-bżonn |
| 3 | Noqogħdu attenti kif nitkellmu | | l-ewwel irridu nagħrfu x'inhi l-vera ħbiberija. |
| 4 | Ħbieb ta' veri | | leali lejn xulxin. |
| 5 | Il-ħbieb ikunu | | dejjem imma l-aktar meta għandhom bżonn tal-għajnuna. |



## Attività B

**Il-Bibbja tgħidilna li min isib ħabib veru jkun sab teżor.**

F'din it-*treasure box* għandek xi kwalitajiet ta' ħbieb veri. Magħhom żid 3 oħra.




## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ

Iddiskuti

Jordan kien jiltaqa' ma' Paul fil-futbol. Paul kien iħobb jgħid lil Jordan li hu kien l-akbar ħabib tiegħu u li għalhekk Jordon m'għandu bżonn ta' ħadd ħlief lilu biex jagħtih parir.

a. Xi kwalità ta' persuna kien Paul? ..........................................................

b. X'kellu jagħmel Jordon? ..........................................................

..........................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..........................................................

..........................................................

..........................................................



# Il-lealtà u l-onestà fil-ħbiberija

Min mhux onest u leali mhu ħabib xejn! Ġesù wriena kif għandha tkun l-imġiba tagħna ma' dawk ta' madwarna. Ġieli jinqalgħu l-problemi, imma bħalma Ġesù jaħfrilna dawk l-affarijiet li ma nagħmlux tajjeb, hekk ukoll għandna nagħmlu aħna ma' ta' madwarna.

**Attività A** Darba Ġesù, biex jurina kif għandha tkun l-lealtà tagħna ma' ta' madwarna qalilna parabbola tas-seftur li ma riedx jaħfer.

Wara li qrajt din il-parabbola:

Mt 18, 23-35

## 1. Agħżel it-tajba.

a. Parabola hija storja (vera, mhux vera) b'tagħlima.

b. (il-qaddej, il-ħabib tiegħu) kellu dejn l-aktar.

ċ. Il-qaddej (ħenn, ma riedx iħenn) għal sieħbu.

d. Is-sid irrabja (għall-qaddej, għal sieħbu).

e. Is-sid ippretenda li l-qaddej (jaħfer ukoll, jieħu mingħand ħabibu dak li kien ħaqqu)

## 2. Wieġeb fil-qosor.

a. Għalfejn taħseb li rrabja s-sid għall-qaddej? ..............................................................

..............................................................................................................................

b. Fl-aħħar mill-aħħar min taħseb li bata? ..............................................................

..............................................................................................................................



• leali
• onesti
• jgħallem
• jaħfrilna
• jiddispjaċina

## Attività B

**Kompli dawn is-sentenzi bil-kliem ta' fuq:**

a. Ġesù kien lest li.................................................. lil kulħadd kif għandna nġibu ruħna.

b. Ġesù hu dejjem lest li .................................................. meta niżbaljaw u nuru li

..................................................

ċ. Ma' ħbiebna għandna dejjem inkunu .................................................. u

.................................................. .

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ

Iddiskuti

Jason irrabja ma' Karl għax Karl ma kellux aptit jilgħab fil-brejk. Karl kien qed iħossu ftit ma jiflaħx u għalkemm qallu lil Jason, dan lanqas biss semgħu.

a. Taħseb li Jason kien veru ħabib?..................................................

..................................................

b. X'kellu jagħmel Karl?..................................................

..................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..................................................

..................................................



# Kemm hi sabiħa l-gratitudni

Mill-ġrajjiet tal-ħajja tiegħu, Ġesù wriena kemm hu sew li aħna napprezzaw dak li ħaddieħor jagħmel magħna jew għalina. Ma nistgħux noqogħdu nippretendu li l-oħrajn jirringrazzjawna kull darba. Aħna għandna nkunu bil-għaqal biżżejjed li għalkemm forsi ħaddieħor jinsa, aħna nuru l-apprezzament tagħna kemm nistgħu.

**Attività A** Pinġi jew ikteb dwar 4 persuni li aħna tajjeb li nuru l-apprezzament tagħna lejhom.




Meta ngħid 'grazzi' lill-persuna l-oħra nkun qed ngħidilha li jien napprezza, li jien grata ta' dak li għamlitli.



## Attività B

**Aqra s-silta Lq 17, 11-19**

**Fl-imġiba tiegħu mal-oħrajn, Ġesù jurina x'għandna nagħmlu fiċ-ċirkustanzi li niltaqgħu magħhom.**

### Aqra dawn is-sentenzi u ikteb jekk hux Veru jew Falz:

a. Meta Ġesù fejjaq lill-għaxar lebbrużi, kollha qalulu 'grazzi' talli kien fejjaqhom. ............

b. Wieħed minnhom, meta ħassu li fieq, beda jfaħħar lil Alla. ........................................

ċ. Ir-raġel li mar lura jgħid 'grazzi' lil Ġesù kien mis-Samarija. ........................................

d. Għandi ngħid 'grazzi' lil kull min jgħinni. ......................................................................

e. Min hu differenti minni għandi nwarrbu. ..........................................................................

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ

Iddiskuti

Minn meta konna żgħar, fost l-ewwel kelmiet li għallmuna, żgur li kienet il-kelma 'grazzi' jew *thankyou*.

a. Inti ġieli tgħidha lil dawk ta' madwarek? Agħti eżempju. .........................................

.........................................................................................................

b. Għaliex taħseb li importanti tgħid 'grazzi'? ...............................

.........................................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ...................................................

.........................................................................................................



# Kif għandna ngħixu

Mill-ħajja ta' Ġesù aħna nitgħallmu kif għandna nġibu ruħna ma' ta' madwarna. Fost ħafna affarijiet Ġesù għallimna dwar il-maħfra u li m'għandniex niġġudikaw. Xi kultant aħna l-bnedmin inkunu pronti wisq biex naqtgħu ġudizzju fuq dak u fuq dik. Barra li m'għandniex dritt nagħmlu dan għax dan f'idejn Alla biss, mhux bilfors li dak li jidher ikun il-verità kollha.



## Attività A

Aqra Matt. 18 , 21-35

**Darba, San Pietru għamel mistoqsija importanti lil Ġesù.**
Imla l-vojt billi ssib il-kliem mill-kaxxa.

**Mulej • darba • jonqosni • sebgħin • resaq • seba'**

Imbagħad Pietru .................................................... lejh u qallu:
'.................................................., xi kemm-il .................................................... jrid
.................................................... ħija biex naħfirlu? Sa ....................................................
darbiet? 'Ma ngħidlekx sa seba' darbiet,' wieġbu Ġesù,'imma sa sebgħa u
.................................................... darba.'

## Attività B

Qabbel il-frażijiet mal-kliem li nsibu miktubin f'Luqa 6,37 -40

| | | |
|---|---|---|
| Tiġġudikawx | | u ma tkunux ikkundannati. |
| Tikkundannawx | | u jingħatalkom. |
| Aħfru | | u ma tkunux iġġudikati. |
| Agħtu | | u ssibu l-maħfra. |



## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

Attività Ċ

Iddiskuti

Lara kienet il-ħin kollu taqbeż fil-klassi u ma tagħti ċans lil ħadd. L-għalliema wissietha kemm-il darba biex tistenna u tagħti spazju lil ħaddieħor jitkellem. Sħabha bil-kwiet kollu kienu jaħfrulha u jgħidulha biex għall-ġid ta' kulħadd kellha tidra tistenna. Bil-ftit, il-ftit bl-għajnuna ta' kulħadd, Lara tgħallmet.

a. X'taħseb li għen biex Lara tgħallmet? ............................................................

b. Lil Pietru, Ġesù qallu, 'Aħfer għal sebgħa u sebgħin darba.' Din tfisser ...

..........................................................................................

..........................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ............................................................

..........................................................................................

..........................................................................................



# Inħobbu anke fit-tbatija



Ġesù jgħallimna li biex aħna nidħlu fis-Saltna t'Alla hemm bżonn li qalbna tkun bħal tat-tfal. Qalbna tkun hekk jekk naħfru u nagħmlu dak li għandna nagħmlu fil-pront u nwarrbu dak li jifridna. M'għandniex nżommu f'qalbna, ma niftaħrux u nqisu lill-oħrajn aħjar minna u affarijiet bħal dawn. Sabiex qalbna tkun bħal tat-tfal ikollna nagħmlu ħafna sagrifiċċji.

## Attività A

Mt 18, 1-5

### Agħżel il-frażi t-tajba

a. **Ġesù sejjaħ tifel għax it-tfal**
- [ ] huma ħelwin.
- [ ] ma jżommux f'qalbhom.

b. **It-tfal li fuqhom qed jitkellem Kristu huma dawk li**
- [ ] jwarrbu l-firda.
- [ ] li jpattuha.

ċ. **'Tkun umli' tfisser**
- [ ] titkabbar.
- [ ] tqis lilek innifsek daqs ħaddieħor.

## Attività B *Wordsearch*

Sib dan il-kliem li jinsab f'din il-ġrajja fil-*wordsearch* li għandek.

Dixxipli • saltna • tifel • smewwiet • tfal • Ġesù • sejjaħ • Alla • tinbidlux

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| S | M | E | W | W | I | E | T | T |
| A | D | I | X | X | I | P | L | I |
| L | K | P | Ġ | E | S | Ù | K | F |
| T | Z | X | T | F | A | L | O | E |
| N | S | E | J | J | A | Ħ | Ħ | L |
| A | L | L | A | K | O | A | V | W |
| T | I | N | B | I | D | L | U | X |

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ

Iddiskuti

James daħal fil-klassi bl-arja kollha. Kien qisu ilu magħna żmien twil. U la ddejjaq jintroduċi lilu nnifsu u lanqas jibda jitkellem miegħi li kont ser inkun ħdejh fil-klassi. Jien għedt f'qalbi: 'Donnu jaħseb li hu xi ħaġa dan! Ħa naraw x'ġej!' Meta wasal il-brejk kelli mmur jien ngħidlu biex jiġi ħa jilgħab magħna għax qalli: 'Bqajt hawn għax ma rridx niddeffes u ngerfxilkom logħba.'

a. Għaliex taħseb li jien iġġudikajt ħażin? ..........................................................................

..........................................................................

b. Ġeneralment, min jiġġudika fuq li jara x'jiġrilu? ..........................

..........................................................................

ċ. **Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..........................................

..........................................................................



# Nagħmlu għażliet tajbin

**Sħabna jinfluwenzawna f'dak li nagħmlu u f'dak li nemmnu. Għalhekk hu importanti li nitgħallmu nagħżlu bejn ħbieb tajba u ħbieb ħżiena. Irridu nitgħallmu nakkwistaw il-karatteristiċi li kellu Ġesù sabiex inkunu ħbieb tajba għall-oħrajn. Fil-fatt l-akbar ħabib li jista' jkollna huwa Ġesù nnifsu.**

## Attività A

**Imla s-sentenzi bil-kliem li hemm fil-kaxxi:**

**Missieri • ħabbejtkom • qaddejja • smajt • ħajtu • tħobbu • mħabba • ħbiebi**

**Silta mill-Evanġelju ta' San Ġwann15, 12-15**

'Dan hu l-kmandament tiegħi: li ..........................................

lil xulxin kif .......................................... jien. Intom

.........................................., jekk tagħmlu dak li nikkmandakom.

Ma nsejħilkomx aktar ..........................................,

għax il-qaddej ma jafx x'jagħmel sidu; sejjaħtilkom ħbieb, għaliex

kulma .......................................... mingħand

.......................................... jiena għarrafthulkom.'

## Attività B

**Aqra din is-silta 1 Kor 13,4-8**

**San Pawl, fl-ittra tiegħu lin-nies ta' Korintu, jiġifieri lill-Korintin, jurina min huma l-ħbieb veri u allura kif għandna nġibu ruħna fejn tidħol imħabba vera.**

a. Niżżel fl-ispazju żewġ aġġettivi jew verbi li jmorru ma' din l-imħabba.



b. Niżżel it-tajba

bla egoiżmu • tiskuża • tkun umli

L-imħabba ma tiftaħarx. ..................................................

L-imħabba ma tfittixx dak li jaqblilha. ................................

L-imħabba ma tiħux għaliha. ..........................................

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ

*Iddiskuti*

Pawlu u Marco kienu ħbieb. Darba Marco ħalla l-kuluri fuq il-mejda u Pawlu wżahom bla ma qallu. Pawlu tgħidx kemm dam jiskuża ruħu, imma Marco dam mhux ħażin sakemm beda jkellmu lura.

a. Taħseb li Pawlu jirrispetta lil Marco? ..................................................

b. Taħseb li Marco jirrispetta lil Pawlu? ..................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..................................................

..................................................

..................................................



# Dawk l-aktar għal qalbna

Ta' madwarna huma importanti għalina għax magħhom u permezz tagħhom aħna nkunu nistgħu nikbru u ngħixu flimkien fl-armonija. Bħalma aħna għandna opinjoni, hekk għandhom l-opinjoni tagħhom l-oħrajn. Bħalma aħna kultant inkunu ferħana, imdejqin, imbeżżgħin jew bin-nervi. hekk ukoll ħaddieħor. Għax ħaddieħor jista' jkollu sentimenti differenti f'ħinijiet jew ġranet differenti. Aħna, allura, irridu nifhmu dan sabiex inkunu nistgħu nagħdru lil kulħadd. Meta nagħrfu dan inkunu nistgħu naħdmu għal aktar paċi u rispett fl-ambjenti tagħna.

## Attività A

**Ġesù kien iqatta' ħafna ħin man-nies. Imma kien iqatta' l-aħjar ħin tiegħu mal-appostli li għalih kienu l-ħbieb tal-qalb.**

Kellu tlieta li kienu speċjali u li kienu jkunu miegħu f'mumenti speċjali.

**1. Ikteb isimhom fiċ-ċirku madwar Ġesù.**



**2. Semmi żewġ okkażjonijiet meta nafu żgur li kienu miegħu.**

a. ..........................................................................................................................

b. ..........................................................................................................................

### 3. Immarka Iva jew Le

a. It-tlieta dejjem kienu leali lejh. Iva | Le

b. Dwar Ġakbu ma tantx nafu. Iva | Le

ċ. Ġesù baqa' jħobbhom bil-kbir. Iva | Le

d. Ġwanni baqa' miegħu sa taħt is-salib. Iva | Le

e. Pietru kien iħobbu tassew. Iva | Le

f. Pietru ċaħdu 3 darbiet. Iva | Le

ġ. Ġesù ħafer lil Pietru. Iva | Le

**Attività B** **1. Fil-qlub ikteb 3 affarijiet li jagħmlu l-ħbieb.**



## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

**Attività Ċ** *Iddiskuti*

Manwel kien popolari għax kien jaf jilgħab ħafna. Ħbiebu kienu jridu jkunu dejjem miegħu. Manwel kien veru ħabib. Kien iċedi, jaqsam li jkollu magħhom u mhux l-ewwel darba li ċeda postu fil-logħob biex jagħti ċans lil ħaddieħor.

**Kompli:**

a. Manwel kien veru ħabib għax ................................................................

................................................................

b. Min isib ħabib bħal Manwel irid ................................................................

................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ................................................................

................................................................





# X'naqsmu mal-ħbieb tal-qalb

Ġesù bena ħbiberija sinċiera u qawwija ma' ħbiebu l-Appostli. Hu qasam ħajtu magħhom ilkoll. Kien ikun magħhom ilkoll. Kien jgħallimhom kollha u kien jagħmel dan bil-mod li jifhmu huma. Kien jiddefendihom u jaqbeż għalihom kull waqt u kull ħin. Kellu tlieta li kienu speċjali għalih. Min jaf, forsi hemm kien iħossu aktar komdu magħhom. Lil dawn it-tlieta biex jippreparahom ħalli fil-mument tal-passjoni, li kien il-mument tal-prova ma jitgerfxux. Hu tellagħhom miegħu fuq il-Muntanja Tabor u hemmhekk tbiddel quddiemhom. U hemm raw tassew is-sbuħija tal-ġenna u wriehom ukoll li hu l-Iben t'Alla.

## Attività A

**Aqra s-silta Mt 17, 1-9**

**Minn dak li għadek kif qrajt kompli dawn is-sentenzi.**

a. Ġesù ħa lil dawn il-ħbieb u tellagħhom fuq ........................................................

b. Wiċċ Ġesù sar jiddi ........................................................

ċ. Ilbies Ġesù sar ........................................................

d. Ma' Ġesù dehru ........................................ u ........................................

e. Instema' leħen Alla l-Missier li qal; 'Dan hu Ibni l-Maħbub ........................................

........................................................................................................'

## Attività B

### 1. Ħares lejn dawn l-istampi.



*Jien jisimni Anna.*
*Għandi ħafna ħbieb.*



*Nilagħbu flimkien.*
*Nieħdu gost u nifirħu.*



*Kultant niġġieldu.*
*Imma nagħmlu ħbieb.*

### 2. Mill-istampi ta' fuq iddiskuti u wieġeb il-mistoqsijiet:

a. X'tagħmel mal-ħbieb? ........................................................................................

b. X'jiġri kultant?........................................................................................................

ċ. X'jagħmlu il-veri ħbieb meta jiġġieldu? ..................................................................

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ




Keith irrabja wisq għax kulħadd telqu u issa kien waħdu. Kien dejjaq ħafna lil ħbiebu u fl-aħħar ftiehmu u bla kliem u bla sliem telquh kollha.

a. Keith safa waħdu għax ........................................................................

b. Ħbiebu kellhom ........................................................................

jekk kienu veri ħbieb.

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..........................................................

........................................................................................



# Il-ħbieb jgħinuna

Kull persuna għandha l-ħbieb tagħha. Permezz ta' xulxin jikbru u jsiru aħjar. Il-ħbieb jimitaw lil xulxin u meta li jimitaw ikun tajjeb, jaslu biex flimkien isiru aħjar. Narawhom jilqgħu tifħir u aħna naħsbu kif nistgħu nagħmlu bħalhom. Il-ħbieb kapaċi jaraw il-kapaċità u l-potenzjal fina u jagħtuna l-għajnuna li naslu biex inwettqu sew dak li nkunu qed nagħmlu.



> Il-ħbieb jaslu biex flimkien isiru aħjar.

## Attività A Qabbel 1 ma' 2

| | 1 | | 2 |
|---|---|---|---|
| a | Biex ikollok ħbieb tajbin | | għaċ-cajt għax jirrispettawk. |
| b | Ħbiebek, jistgħu ma jaqblux miegħek | | u jinkuraġġuk bil-qalb. |
| ċ | Huma jieħdu pjaċir bit-tajjeb li għandek | | issolvi l-problemi li jkollok. |
| d | Ma jwaqqgħukx | | u ma jgħiru qatt għalik. |
| e | Meta għandek bżonn huma jgħinuk | | imma xorta jaċċettawk u jisimgħu dak li tkun qed tgħid. |
| f | Iffaħħru l-isforzi tiegħek | | trid tkun ħabib tajjeb int. |

## Attività B

### X'għandek tagħmel? Aqra dawn l-istejjer u wieġeb.

Michela hi studenta li tbati biex tqum minn bil-qiegħda għax meta kienet tarbija waqgħet minn fuq il-mejda. Għandha moħħha tajjeb iżda għandha bżonn l-għajnuna biex tiċċaqlaq minn postha. Din tixtieq ikollha ħbieb u toqgħod magħhom.

**a. Kif tista' tgħin lil Michela?**.....................................

.....................................................................................

Tonio hu student li jaħseb f'ħaddieħor. Kulħadd irid ikun ħabib miegħu, għax jaħdem mal-oħrajn u ma jiddejjaqx juri kif jaħsibha fuq xi ħaġa.

**b. Tixtieq tkun ma' Tonio? Għaliex?**.................................

.....................................................................................



## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ



Mark hu ħabib ta' Peter u dawn it-tnejn dejjem flimkien. Pero' Peter dejjem iserraħ fuq Mark u għal kull ħaġa ta' xejn issa jitolbu jselliflu dik, issa jselliflu l-oħra. Mark ħabat ħa jibda jiddejjaq, imma lil Peter kien jistħi jgħidlu ċerti affarijiet.

a. Taħseb li Peter kien veru ħabib?.................................................................

b. X'kellu jagħmel Mark f'dawn iċ-ċirkustanzi? ............................................

.....................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** .....................................

.....................................................................................

.....................................................................................



# Alla Missier ta' kulħadd

**Ġesù b'dak li qal u għamel wasslilna l-messaġġ qawwi li Alla Missierna tas-sema hu ħanin ma' kulħadd. Hu ħanin ma' dawk li qed jgħixu tajjeb u hu ħanin ukoll u dejjem jistenna lil dawk li qegħdin imbegħdin. Ġesù, permezz tal-istejjer tiegħu, jagħtina stampa ċara ta' dan Alla min hu. Jurina kif Alla jittratta magħna u kif lest li jagħtina u jgħinna jekk aħna nuru x-xewqa sinċiera li naħdmu biex insiru aħjar. Ħadd m'għandu jaqta' qalbu għax il-ħniena t'Alla li ntweriet permezz ta' Ġesù, hija universali u kbira daqskemm hu kbir l-univers u aktar!**

## Attività A

Aqra s-silta Mt 20, 1-16

**Is-sid ta' qalb tajba jagħti lil kull ħaddiem skont ma jkun ħaqqu. Hekk jurina Ġesù fil-parabbola tal-ħaddiema tal-għalqa.**

### 1. Iva jew Le? Agħmel ċirku mat-tweġiba t-tajba.

a. Sid l-għalqa ħareġ filgħodu biex isib ħaddiema għall-għalqa tiegħu. **IVA | LE**

b. Hu ma sab lil ħadd filgħodu. **IVA | LE**

ċ. Filgħaxija reġa' ħareġ u sab xi ħaddiema u bagħathom fl-għalqa tiegħu. **IVA | LE**

d. Ftiehem magħhom li ser jagħtihom xi flus għax-xogħol tagħhom. **IVA | LE**

e. Il-ħaddiema li ħadmu l-aktar ħadu gost bil-ħlas li tahom is-sid. **IVA | LE**

f. Sid l-għalqa kien ġust bil-ħlas li ta lill-ħaddiema. **IVA | LE**

### 2. Aqta' min jistgħu jkunu dawn?

a. Sid l-għalqa huwa ..........................................................................................

b. Il-ħaddiema ta' kull ħin huma..........................................................................

ċ. L-għalqa tad-dwieli hija...................................................................................



## Attività B

**Fuq il-werqa ta' din id-dielja ikteb 3 kwalitajiet li jispikkaw f'dan is-sid tal-għalqa. Fuq l-għeneb ikteb dak kollu li taħseb li tgħallmu l-ħaddiema sew dawk tal-ewwel sigħat u sew dawk tal-aħħar.**

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ

Iddiskuti

Kif kien jasal id-dar Martin, dritt kien imur jibda jistudja għax kien jgħid li jekk ma jagħmilx hekk fl-eżami ma jmurx tajjeb u xtaq wisq li jkun l-uniku li jġib l-ogħla marki. Wara xahrejn li bdiet l-iskola, fil-klassi wasal Stephen li kien kwiet u jipprova jagħmel mill-aħjar. Wasal l-eżami u t-tnejn li huma ġabu l-istess marki u ġew it-tnejn l-ewwel. Stephen ħa pjaċir u feraħ lil Martin, i mma Martin ma ħax gost. Ma riedx li dak ġie xahrejn iġib marki u ġab daqsu. Baqa' bin-nervi l-ġurnata kollha. Kemm kien iblah u miskin Martin!

a. Kif tiddiskrivi l-karattru ta' Martin? ..................................................

..................................................

b. Għalfejn nistgħu nsejħu lil Martin miskin? ..................................................

..................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..................................................

..................................................



# Ġesù jagħmlilna kuraġġ

Xi kultant nibdew nagħmlu xi ħaġa li mad-daqqa t'għajn tkun tidher li ħa tkun xi ftit diffiċli u għalhekk naħbtu nibdew naqtgħu qalbna u niddeċiedu li ma nagħmluhiex. Ġesù kellu quddiemu t-tbatija li kellu jgħaddi minnha. Bħala bniedem beda jibża' imma hu kien lest li l-biċċa xogħol iwassalha sa tmiemha. Mhux biss, imma kien kapaċi fl-aħħar sigħat tiegħu, minflok jiffoka fuqu nnifsu jibqa jgħallem lill-appostli u jibqa' juri kif wieħed għandu jġib ruħu ma' ħaddieħor. Fl-aħħar ikla tiegħu hu, bil-kuraġġ kollu wera kif għandha tkun l-imħabba vera.  Hu beda billi ħasel saqajn l-appostli. Anke saqajn Ġuda ħasel! Dak kuraġġ! Stmah u baqa' jistennieh jindem sal-aħħar.



dixxipli • mantar • fardal • ħżiemu • żinġla • riġlejn • Xmun • mindil • indaf

Attività A

1. Imla dawn bil-kliem ta' fuq u li jissemmew fis-silta.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| D | | | | | | | I |
| | | U | | | | | |
| | | IE | | U | | | |
| Ż | | | Ġ | | | | |
| | | D | | F | | | |
| | A | | | A | | | |
| | I | | | | L | | |
| M | | | T | | | | |
| R | | Ġ | | | J | | |



## 2. Agħżel it-tajba.

a. Ġesù għamilha ta' (seftur, sid).

meta ħasel saqajn l-appostli.

b. Irid ikollok (kuraġġ, suppervja) biex bħal Ġesù.

tagħmel (il-ġid, deni) lil min ikun qed jagħmillek (il-ġid, id-deni).

ċ. Ġesù qalilhom biex kif (ħabbhom, talabhom) hu huma kellhom iħobbu lill-oħrajn.

**Attività B**

Iddiskuti ma' sħabek u għid kif tista' tagħmel bħal Ġesù f'din iċ-ċirkustanza: **In-nanna hi marida u għandha kelb li jrid jitnaddaf.**

.....................................................................................................................................................

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

**Attività Ċ**

Iddiskuti

Cathy marret għand in-nanna u sabitha qed tnaddaf id-dar. Kien ġej it-tberik u allura n-nanna riedet li jkollha d-dar nadifa tazza. Cathy ma kinitx ser tħalli lin-nanna tnaddaf weħidha u għalhekk xammret il-kmiem u għenitha tassew! Tant għenitha lin-nanna li lestiet veru malajr minn dak li kellha tagħmel. Issa kulma kellha tagħmel Cathy kien li tmur lura lejn id-dar. In-nanna offritilha l-flus imma Cathy m'aċċettathomx għax qaltilha, "Jien għax inħobbok għamiltu u mhux biex tagħtini l-flus."

a. Taħseb li Cathy kienet tħobb tassew? ........................................................................

b. Tara xi xebh bejn Ġesù fl-Aħħar Ċena u Cathy? ..............................................

..........................................................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ......................................................................

..........................................................................................................................



# Bnedmin ta' kuraġġ kbir

Mal-medda taż-żmien ħafna u ħafna nies imxew fuq il-passi ta' Ġesù u bil-kuraġġ kbir kienu kapaċi jimxu wara Ġesù. Kienu ta' eżempju għal ta' madwarhom. Wieħed minn dawn il-persuni kien Pawlu Miki li miet fis-sena 1597. Kien żagħżugħ mimli kuraġġ u enerġija u kien kapaċi jieħu l-mewt għal Ġesù. Il-pajjiż tiegħu kien eżattament Nagasaki fil-Ġappun. Kien għalliem kbir u ma kienx jieqaf jiġri u jgħallem u jxandar it-tagħlim ta' Ġesù. Waqqfuh milli jagħmel dan imma hu ma waqafx. Mhux biss ma waqafx imma sħabu wkoll ħeġġewh biex jibqgħu jgħallmu fejn jistgħu. Kollha flimkien inqabdu u ġew ikkundannati għall-mewt. Kienet xena ta' kuraġġ kbir għall-Insara ta' dak iż-żmien - x'jaraw tant żgħażagħ jiġu mogħtija l-mewt għal Ġesù. Sakemm miet Miki ma qatax qalbi imma baqa' jinkuraġġixxi lil sħabu u jaħfer lil min kien qed jagħtihom il-mewt.

## Attività A

**1. Sib il-kelma mill-*word search*.**

a. Miki u sħabu kieu ........................ ma' salib.

b. L-isem ta' Miki kien ........................................

ċ. Hu kien ixandar it-........................................ ta' Ġesù.

d. Li miet għal Ġesù hu ħassha bħala ............................................................ kbira.

e. Hu u sħabu kienu mill-..................................

f. Hu ħeġġeġ lil sħabu biex ........................ . mill-qalb lil dawk li kienu qed jagħmlulhom d-..................................... .

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| M | S | A | M | M | R | I | N | P |
| J | A | Ħ | F | R | U | K | D | A |
| G | R | A | Z | Z | J | A | E | W |
| Ġ | A | P | P | U | N | O | N | L |
| T | A | G | Ħ | L | I | M | I | U |

Żgur li bħala bniedem Pawlu Miki ħass il-biża' tal-mewt għax mhux faċli tmut u tmut imsallab. Imma Pawlu Miki kellu xi ħaġa li kienet ixxejjen il-biża' u din kienet l-ispirtu t'Alla li kien miegħu u ma' sħabu. Kienet din il-forza li tathom il-kuraġġ lilu u lil sħabu biex jiffaċċjaw dak kollu li l-għedewwa tagħhom ippjanaw għalihom.

Bħalhom aħna wkoll għandna dan l-ispirtu li rċevejnieh l-ewwel darba fil-Magħmudija tagħna. Dan l-ispirtu jgħin lilna wkoll meta quddiemna jkollna għażliet li mhux faċli għalina li niddeċiedu dwarhom.

**2. Fuq il-forom niżżel 3 okkażjonijiet li nenħtieġu l-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu biex nagħżlu tajjeb.**



## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

**Attività Ċ**

Konna naqsmu kulma jkollna flimkien. It-tnejn konna ffissati fuq il-logħob tal-kompjuter. Ġieli xtrajna u qgħadna narawhom u nilagħbuhom flimkien. Darba niżżilna logħba li mad-daqqa t'għajn ma tantx dehret li kienet logħba tajba għall-età tagħna. Marlyn riedet taraha u bdejna nilagħbuha, imma jien ma tantx bdejt inħossni komda.

a. X'kellhom jagħmlu l-ħbieb malli ndunaw li ma kinetx logħba tajba? ........................................................

........................................................

b. X'kellha tagħmel Maryln biex ma tħallix lil ħabibitha ddaħħalha fl-ixkora? ........................................

........................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..........

........................................................

........................................................

........................

Iddiskuti



# Nimpenjaw ruħna fil-ħajja ta' kuljum

Li timpenja ruħek ifisser li tkun responsabbli biżżejjed biex dak kollu li tagħmel, tagħmlu bis-serjetà. L-impenn tagħna nuruh kemm fix-xogħol tagħna kull darba li nagħmlu ħilitna biex dan isir sew, kif ukoll kif inġibu ruħna ma' xulxin kulfejn inkunu – fil-familja, l-iskola u mal-ħbieb. Il-familja hija l-bejta tagħna. Ġesù wkoll kellu l-bejta tiegħu. Hu, għalkemm Alla, kien jagħti sehmu u jgħin kif jista' u allura fuq l-eżempju tiegħu, aħna rridu nagħmlu l-istess. L-iskola hija t-tieni dar tagħna. Fiha nqattgħu l-isbaħ ħin tal-ġurnata u allura tajjeb li ngħaddu dan il-ħin b'mod li jħalli l-frott. Ġesù wkoll kien imur is-sinagoga biex huwa wkoll, bħala tifel Lhudi, jieħu l-edukazzjoni tiegħu.

## 1. Kompli dawn is-sentenzi billi turi għalfejn dawn it-tfal qed iġibu ruħhom tassew bil-għaqal.

**Attività A**

a. Samuel jattendi l-lezzjonijiet tal-pjanu. Ma jfalli l-ebda lezzjoni, għax......................

..................................................................................................................

b. Teresa turi li hi tassew ħabiba ta' Kim billi ma xxandar ma' ħadd dak li Kim tkun fdat magħha għax...............................................................................................

## 2. Agħżel it-tajba

a. Sara tħobb titgħallem u għalhekk tagħmel ix-xogħol li tagħtiha l-għalliema (ta' malajr, bil-galbu).

b. Rebecca tagħmel mill-aħjar li tista' biex tkun ta' għajnuna fid-dar. Għalhekk meta ommha titlobha biex tagħmel xi ħaġa hi (ġġib l-iskużi, tmur tara x'għandha bżonn fil-pront).



## Attività B Għaqqad.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Kull impenn irid | | il-fatt li mhux kollox nistgħu nwettqu. |
| 2 | Meta nidħlu għal xi ħaġa | | bis-serjetà, jirnexxu. |
| 3 | Mhux kulma jogħġobna | | jittieħed bis-serjetà. |
| 4 | Għandna nkunu kapaċi naċċettaw | | wettaq kulma kellu jagħmel allavolja bata. |
| 5 | Meta l-affarijiet noħduhom | | nkunu ċerti li ħa nkompluha. |
| 6 | Ġesù meta kien fid-dinja | | nistgħu nidħlu għalih u nagħmluh. |

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

Iddiskuti

Attività Ċ

Il-ħabib tiegħek qiegħed id-dar għax kiser sieqha u sirt taf li għalissa mhux ġej skola. X'tagħmel inti biex turi li int tassew ħabib?

a. ..........................................................................................................

b. ..........................................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..........................................................

..........................................................................................................





# Nagħmlu li hemm bżonn

Meta Ġesù ħareġ jgħallem, folol kbar ta' nies kienu jmorru warajh biex jisimgħuh. Dawn in-nies kienu jissejħu dixxipli. Ġesù, iżda, ried jagħżel xi nies biex imorru jimxu warajh kulfejn imur. Lil dawn, Ġesù sejħilhom appostli. Għall-appostli ma kinitx ħaġa daqshekk faċli li jimxu wara Ġesù għax dan kien ifisser li kellhom iħallu xogħolhom biex jiddedikaw ħajjithom għalih. Għalina l-istess ħaġa. Biex nagħmlu li hemm bżonn, biex nikkommettu ruħna ħalli nagħmlu dejjem dak li hu biex nikbru aħna u ngħinu lil ta' madwarna jagħmlu l-istess jenħtieġ li npoġġu moħħna hemm biex bil-għaqal kollu naslu.

**Dawn huma xi wħud mill-appostli li Ġesù kien għażel bħala ħbieb tiegħu. Ikteb min huma dawn l-appostli permezz tas-sentenzi mogħtija hawn taħt.**

**Attività A**

| | |
|---|---|
| a. M X N U P R I E T U | |
| b. N D I R I | |
| ċ. N A I Ġ N W | |
| d. S A U M T | |

a/b. Kienu l-ewwel tnejn li Ġesù sejjaħ għal warajh.
ċ. Baqa' miegħu sa taħt is-salib.
d. Ma riedx jemmen li Ġesù qam.



## Attività B

jressqu • jitgħallmu • missierhom • xbieki • dgħajjes

**1. Imla bil-kliem li għandek hawn.**

a. 'Ejjew warajja u nagħmilkom sajjieda tal-bnedmin.'

b. Pietru u Indri ħallew lil .................................................. biex marru wara Ġesù

ċ. Ħallew ukoll id-.................................... u x-................................ tagħhom.

d. Ma kellhomx jaqbdu ħut aktar, imma kellhom ................................ mingħand Ġesù biex imbagħad ikunu jistgħu ...................................... nies oħrajn lejh.

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ

Iddiskuti

In-nanna kienet ma tiflaħx. Janet kellha tmur għand ħabibitha, imma qalet li għalkemm xtaqet tmur, għaliha n-nanna tiġi l-ewwel. Għalhekk ċemplet lil ħabibitha u wara li skużat ruħha magħha, marret għand in-nanna.

a. X'kellha tagħmel Janet f'din iċ-ċirkustanza?....................................

..........................................................................................

b. Taħseb li ħabibitha fehmitha? ..............................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..............................................

..........................................................................................





# Nilqgħu l-isfidi

Żakkew kien raġel għani wisq! Kien ħabib kbir tar-Rumani għax kien jiġbrilhom it-taxxi mingħand in-nies. Kien meqjus bħala għadu kbir tal-Lhud għax lil dawn, għalkemm hu kien Lhudi, bħalhom kien joħdilhom iżżejjed taxxi biex jistagħna hu. Lil Ġesù kien sema' bih u xtaq jarah u la xtaq jarah, Ġesù ma kienx ser jiddiżappuntah. Malli ltaqa' ma' Ġesù, Żakkew inbidel. Hu kellu sfida quddiemu; wara żmien twil jidħak bin-nies ta' madwaru wera l-kuraġġ li jibdel ħajtu.

Saħansitra kien lest li jagħti nofs ġidu lill-foqra u jrodd lura għal erba' darbiet aktar lil dawk li kien seraq. Hekk għamel u l-ħajja għalih u għal ta' madwaru tjiebet bil-kbir. Li ngħixu għal kollox fuq l-eżempju ta' Ġesù mhix ħaġa faċli. Infatti kemm-il darba jiġrilna bħal Żakkew meta naqgħu fid-dnub. L-importanti hu li bħal Żakkew, nagħmlu ħilitna kollha biex negħlbu d-dgħufijiet tagħna u dejjem infittxu li nagħmlu dak li jogħġob lil Ġesù.

## Attività A

**Aqra l-istorja ta' Żakkew (Lq 19, 1-10)**

**Iddiskut l-pass mill-Vanġelju ma' sħabek u bħala grupp oħolqu mima minnha. Wara kompli dawn is-sentenzi bi kliem addattat.**

Żakkew kien raġel .............................. u ...................................

Żakkew tela' fuq ................................ biex jara lil .................................... .

Ġesù sejjaħlu lil Żakkew. Hu niżel u Ġesù .................................... għandu.

Żakkew rebaħha l-isfida li kellu għax sar ........................... kbir ta' Ġesù. Hu wera lil Ġesù li kien tassew .......................... talli kien għamel. Lin-nies hu roddilhom lura ......................... għal erba' darbiet aktar.

## Attività B

*Iddiskuti*

**Bħala klassi ddiskutu dawn l-isfidi li jistgħu jinħolqu meta tkunu flimkien u sibu soluzzjoni.**




## Attività Ċ

*Iddiskuti*

**Din għalik. Ara x'tgħidlek!**

Simon kien dejjem iżomm ma' Charles. Dan Charles mhux dejjem kien ikollu raġun u ġieli weġġa' lil sħabu. Simon kien jagħlaq għajnejh u jibqa' jżomm ma' Charles. Ħafna minn sħabu telquh u ħadd ma kien ikun irid joqgħod miegħu. Darba Charles weġġa' bis-serjetà tifel żgħir u Simon iddeċieda li jieqaf.

a. Għalfejn sħab Simon kienu jibżgħu minnu? ....................................................

....................................................

b. X'deċiżjoni serja kien ħa jieħu Simon?

....................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ...............

....................................................

# Ġabarhom flimkien

Kull persuna tixtieq li l-parti l-kbira ta' ħajjitha tgħaddiha ma' dawk li tħobb. Jekk nippruvaw naħsbu ftit nindunaw kemm dan hu veru. F'kull festa li jkollna, dejjem niċċelebrawha ma' dawk li jħobbuna u li huma għeżież għalina. Anke f'mumenti ibsin, ta' niket u mewt nixtiequ nkunu ħdejn dawk li huma l-aktar għal qalbna. Dan għax b'xi mod dawn jgħinuna f'dawn il-mumenti diffiċli u jgħinuna ngorru t-toqol tagħna. Dan għamlu Ġesù wkoll. Kien mal-appostli tul it-tliet snin li kien jgħallem u issa ried iqatta' l-aħħar ftit sigħat li kien baqagħlu fuq din l-art magħhom ukoll . L-ikbar sfida li kellu quddiemu fl-aħħar mumenti ta' ħajtu kienet il-passjoni. Minkejja li hu Alla, imma bħala bniedem ħass it-toqol ta' dan il-mument u fittex li jkun ma' ħbiebu għax hu wkoll xtaq ftit faraġ f'din is-siegħa tal-biża'.

**Aqra dawn il-versi minn Mattew 26:1-30**

## 1. Imla bil-kliem li għandek taħt.

**Attività A**

Fl-aħħar ikla mat-tnax Ġesù wera l-għaqda li kellu mal-ħbieb tiegħu. Wera wkoll kemm kien

................................ li xtaqhom ikunu miegħu

f'dawn il-mumenti. F'din l-ikla waqqaf is-Sagrament

tal- ................................ ................................

li permezz tiegħu għamel lill-appostli l-ewwel

................................ Waqqaf ukoll is-Sagrament

tal-.......................................................................

għax hu xtaq jibqa' ................................ għal dejjem. Li Ġesù jħobbna ħafna jurih il-kliem li qal:

'Agħmlu dan b' ................................ tiegħi.'

**tifkira • Ordni Sagri • magħna • iħobbhom • Ewkaristija • saċerdoti**

## 2. Fit-tpinġija tal-kalċi u l-ħobż niżżel frażijiet ta' tifħir li joqogħdu għal Ġesù.





Attività B

## Tista' ssemmi...

a. tbatija li nisimgħu biha u li qed tiġri 'l bogħod minna? ..............................................

..............................................................................................................................

b. tbatija li qed naraw madwarna? ..........................................................................

Attività Ċ

Iddiskuti

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

Ġesù bata ħafna għalina tant li ssagrifika lilu nnifsu fuq is-salib. Int x'sagrifiċċji lest li tagħmel għal Ġesù biex:

a. fid-dar ikun hemm aktar kwiet? ..............................................

b. fl-iskola jkun hemm aktar għaqda?. ..............................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..............................................

..............................................................................................



# "Le ma niċħdekx anqas jekk ikolli mmut miegħek"

Fil-ġrajja tal-passjoni niltaqgħu ma' Pietru u Ġuda li t-tnejn li huma naqsu lil Ġesù. Ġuda żbajla meta ttradixxa lil Ġesù u tah f'idejn il-qassisin il-kbar biex joqtluh. Pietru, min-naħa l-oħra, żbalja meta ċaħad lil Ġesù u qal li lil Ġesù ma kienx jafu għax beża' li jispiċċa ħażin, avolja ftit tal-ħin qabel, lil Ġesù qallu: "Jekk ikolli mmut miegħek, jien ma niċħdekx" (Mt 26,35) Mhux biżżejjed li bil-kliem ngħidu li nħobbu lil Ġesù mbagħad bl-imġiba nuru mod ieħor. Fuq kollox, iżda, irridu niftakru li meta niżbaljaw għandna nuru li ddispjaċiena nitolbu maħfra lil Alla u Alla jaħfrilna zgur.

## It-tradiment ta' Ġuda

### a. Aqra l-versi t'hawn taħt u imla l-vojt.

"Imbagħad mar wieħed mit-

.........................................

jismu Ġuda l-Iskarjota, għand il-

......................................... il-kbar u qalilhom:

'Xi tridu tagħtuni, u jien nerħihulkom f'

.........................................?'" (Mt 26,14-15 )

"U għaddewlu .........................................

biċċa tal-fidda. U minn dak il-

......................................... beda jfittex kif

jerħihulhom f'idejhom." (Mt 26,15-16)

**Attività A**

### b. Ikteb żewġ affarijiet li taħseb li lil Ġuda setgħu wassluh biex jaqta' qalbu li jirritorna lejn Ġesù.



## Attività B

### Iċ-ċaħda ta' Pietru

a. Aqra l-versi (Mt 26, 69-70) u imla l-vojt.

"........................................ kien

qiegħed bil-qiegħda barra fil-

........................................, u resqet

lejh waħda ........................................

u qaltlu: 'Int ukoll kont ma' Ġesù tal-

Galilija."

Imma hu ........................................

quddiem kulħadd li ma jafux."

b. ikteb 2 affarijiet li għenu biex Pietru ma jaqtax qalbu li jerġa' jersaq lejn Ġesù.



## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ

Iddiskuti

Sonia kienet ħabiba kbira ta' Stephanie. Imma Stephanie kienet tagħmel kif jaqbel lilha u mhux l-ewwel darba li kienet titkellem kontra Sonia minn wara daharha.

a. Kieku ssir taf li l-akbar ħabib/a qiegħed/a t/jgħid fuqek minn wara dahrek kif tħossok? ........................................

b. X'suppost tagħmel? ........................................

........................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ........................................

........................................



# L-imħabba ta' veru

Ġesù miet għal kulħadd għax iħobbna kollha ndaqs, mingħajr l-ebda distinzjoni. Meta miet fuq is-salib, kien diġa` jaf li aħna, wara tant snin, xorta waħda konna se naqgħu fid-dnub kull darba li nagħmlu xi ħaġa ħażina. Meta niżbaljaw, Ġesù se jkun dejjem lest biex jaħfrilna. Mhux biss jaħfrilna, iżda jinsa l-ħażin li nagħmlu. Jibqa' jistenniena sakemm nuru li tassew iddispjaċiena mid-dnubiet tagħna. Aħna, min-naħa tagħna, irridu nindmu minnhom, immorru nqerru u nagħtu kelma 'l Alla li ma nerġgħux. Biex jurina l-quċċata tal-imħabba Hu tana fuq kollox lil Ommu Marija li minn fuq is-salib tahielna bħala ommna. Din l-omm turina t-triq għal għandu. Hi wrietna kif għandna nittrattaw mal-membri tal-familja tagħna u kif għandna nġibu ruħna fiċ-ċirkustanzi ta' ħajjitna.

## Attività A

### Fuq is-salib ikteb xi affarijiet li bihom inweġġgħu lil Ġesù.

Għandna niftakru li Ġesù miet fuq is-salib għad-dnubiet tagħna u għalhekk tajjeb li nitolbuh maħfra.



## Attività B

### 1. Il-Madonna

Taħt is-salib il-Madonna sofriet ħafna. Kienet qed tara' 'l Ġesù jbati tassew! X'taħseb li kienu t-tbatijiet tal-Madonna meta kienet taħt is-salib?

..........................................................................................................

..........................................................................................................

### 2. Persuna oħra li tgħallimna ħafna hu l-ħalliel it-tajjeb.

Meta dan il-ħalliel ra lil Ġesù f'dik is-sura, jitlob lil Alla jaħfer lil dawk li kienu tawh dik it-tbatija kollha, hu ħaseb fil-fond. Induna li kien tassew speċjali, li kien tassew Alla. Allura qallu dik is-sentenza li turi li kien nidem bil-verità: "Sinjur ftakar fija meta tkun fis-saltna tiegħek."

a. X'kien qed jgħidlu fil-verità lil Ġesù meta qallu din is-sentenza? ..............................

..........................................................................................................

b. X'messaġġ ried jgħaddi Ġesù lill-ħalliel bit-tweġiba li tah?......................................

..........................................................................................................

ċ. X'taħseb li hu l-messaġġ li din is-sentenza tagħti lilna llum? .....................................

..........................................................................................................

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ




Qatt smajtha l-Leġġenda tal-Pitirross? Ismagħha flimkien ma' sħabek u wieġeb. Meta naraw lil Ġesù fil-Ġimgħa l-Kbira nħarsu lejh kif ħares lejh l-għasfur: iddispjaċih għalih, urih li jħobbu, u għamel li setà ħalli jgħinu.

a. Kif nistgħu nkunu l-pittiross ta' din il-leġġenda?......................................................

..........................................................................................................

b. Int x'se tagħmel għal Ġesù biex turih li tħobbu? ..........................

..........................................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..........................................................

..........................................................................................................



# Il-grupp, it-tim u l-komunità

Il-bniedem mhuwiex maħluq biex jgħix waħdu. Għalhekk hu u jikber jiltaqa' ma' nies differenti u allura jifforma parti minn gruppi differenti. L-ewwel grupp li niltaqgħu miegħu huwa l-grupp tal-familja. Dan il-grupp dejjem jikber għax fih jidħlu nies oħrajn bħalma huma n-nanniet, iz-zijiet u l-kuġini. La nkunu f'postijiet differenti niffurmaw parti minn gruppi oħrajn. Għandna l-grupp tal-klassi, il-grupp il-kbir tal-iskola tagħna, il-gruppi tal-katekiżmu, tal-isport, tal-mużika, tad-drama u diversi gruppi oħrajn. Xi ftit minn dawn il-gruppi jinsabu fil-komunità jew parroċċa tagħna stess, waqt li oħrajn huma 'l bogħod. Dawn kollha jagħtuna l-opportunità li naħdmu flimkien u nsaħħu r-relazzjonijiet ta' bejnietna. Għallhekk, huwa importanti ħafna, li nedukaw ruħna fi mġiba tajba mal-membri tal-grupp sabiex flimkien ngħixu bħala familja waħda.

## Attività A

Fil-piramida niżżel żewġ gruppi li int l-aktar li tieħu pjaċir tkun fihom.

a. Liema grupp tħossok komdu/a fih? ..............
......................................
......................................
......................................



b. Liema grupp l-aktar li tattendi fih? ..................
......................................
......................................
......................................



## 1. Immarka 'Iva' jew 'Le'.

| | | Iva | Le |
|---|---|---|---|
| 1 | Kull grupp huwa l-istess. | | |
| 2 | F'kull grupp irid ikun hemm min imexxi. | | |
| 3 | Ir-reġoli jgħinu biex il-grupp jimxi tajjeb. | | |
| 4 | Ġesù wkoll kellu l-grupp tiegħu. | | |
| 5 | Fil-grupp ta' Ġesù kien hemm ir-regoli wkoll. | | |

## 2. F'kull grupp insibu mġiba pożittiva (tajba) u mġiba negattiva (ħażina). Niżżel fil-kolonna t-tajba.

**Attività B**

| Imġiba Tajba | Imġiba ħazina |
|---|---|
| | |
| | |
| | |

**Inkunu puntwali, nirrispettaw lil-leader, ngħidu kontra xulxin, ma nattendux regolari, nisimgħu l-ideat ta' xulxin, nikkritikaw dejjem.**

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

**Attività Ċ**

*Iddiskuti*

Waqt il-ħin tal-kraft, l-għalliema qassmet lit-tfal fi gruppi biex joħolqu mudell sabiħ. Wieħed mill-gruppi ma setax jiftiehem. Mhux kulħadd qabel kif kellu jsir il-mudell. Apparti minn hekk, mhux kollha kienu kuntenti bl-irwoli tagħhom.

a. X'kellu nieqes dan il-grupp?.......................................................

b. X'kellu jsir biex il-grupp jimxi?.......................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** .......................................................

.......................................................................................................



# Ir-ragħaj li jmexxina

Ġesù qed jistedinna biex nersqu lejh fin-niket, fit-tbatija, fil-ferħ u f'kull xorta ta' sitwazzjoni li nistgħu nsibu ruħna fiha fil-ħajja tagħna. Għalhekk, aħna għandna nduru lejh u nafdaw fih. Ġesù qatt mhu se jħallina waħedna. Hu stess qalilna li hu r-Ragħaj it-Tajjeb tagħna. Hu ried ifisser ħafna meta qalilna hekk. Fi żmien Ġesù, kien hemm ħafna rgħajja li kienu jieħdu ħsieb u tant iħobbu n-ngħaġ tagħhom. Ġesù, għalhekk, qabbel lilu nnifsu mar-ragħaj, għax dan tant kien iddedikat fix-xogħol tiegħu u fl-imħabba tiegħu lejn in-nagħaġ. Ġesù qatt ma daħak b'ħadd u allura żgur li ser jieħu ħsiebna sewwa ħafna.

Fil-Bibbja, fil-Ktieb tas-Salmi, insibu salm sabiħ ħafna. Dan is-salm hu Salm 23. Hawnhekk is-Salmista, li hu l-kittieb tas-salmi, jgħidilna li Alla hu r-Ragħaj it-Tajjeb tagħna. Aqra biċċa mis- salm 23 li jinsab hawn taħt.

**Il-Mulej hu r-Ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni.**
**F'mergħat kollhom ħdura jqegħedni.**
**Ħdejn l-ilma fejn nistrieħ jeħodni.**
**Hemm hu jrejjaqni.**
**Imexxini fit-triq tas-sewwa minħabba l-isem tiegħu.**
**Imqar jekk nimxi f'wied mudlam**
**Ma nibżax mill-ħsara, għax int miegħi.**
**Il-ħatar u l-għasluġ tiegħek huma jmexxuni.**

*Attività A*

**Pinġi dik ix-xena li l-aktar li laqtitek mis-Salm 23 u ikteb il-vers li l-aktar li għoġbok.**

## Attività B

**Alla bagħat lil Ġesù biex ikun ir-Ragħaj it-Tajjeb tagħna. Ġesù kif jurina li hu r-Ragħaj it-Tajjeb tagħna? Fiċ-ċrieki ikteb dawk l-affarijiet li Ġesù bihom jurina li tassew jieħu ħsiebna.**



## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ

Iddiskuti

Il-ġenituri kellhom tieġ. Xtaqt tmur magħhom, imma ma stajtx u għamilt ftit nervi. Il-ġenituri tiegħek qalu lin-nanna biex tiġi toqgħod miegħek. Qattajtu l-ħin titkellmu, taraw it-televiżjoni u tilagħbu ftit flimkien. Kien żmien sabiħ ħafna, tant li n-nervi kollha taru.

a. X'kienet għalik dak il-ħin in-nanna? ........................................................................

b. Kien hemm xi okkażjoni meta ħassejtek tassew tajba fil-kumpanija ta' xi ħadd?..........................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ........................................................................

........................................................................................................

........................................................................................................



# Ġesù l-aqwa mexxej

Meta l-Ispirtu s-Santu niżel fuq l-appostli dawn imtlew bih u minn persuni kollha biża', huma mtlew bil-kuraġġ u ħarġu jippridkaw u juru lin-nies min tassew kien Ġesù. Dan l-Ispirtu ħalla effett fuq l-ewwel Insara b'dak li l-appostli kienu qed jgħidu u jgħallmu. Aħna wkoll għandna l-istess Spirtu s-Santu. Jekk inħalluh imexxina, din l-għajnuna speċjali tgħinna nkunu xhieda ta' Ġesù kull fejn inkunu. Dan għax din l-għajnuna tista' tħalli l-istess effett fina bħalma ħalliet fl-appostli. Dawn għaddewha lill-ewwel Insara u kienu xhieda għalihom.

## Għaqqad dawn is-sentenzi

**Attività A**

Aqra s-silta Atti 2, 42-47

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | L-ewwel Insara kienu | | u jagħtuh lill-appostli biex iqassmuhom huma. |
| 2 | Kienu nies li jfittxu l-għaqda | | jiltaqgħu flimkien. |
| 3 | Kienu jbigħu kollox | | fit-tempju u jiksru l-ħobż. |
| 4 | Kienu jħabirku biex kuljum | | jemmnu dak kollu li kienu jgħidulhom l-appostli. |
| 5 | Kienu jiltaqgħu alenija | | dawk li kienu jingħaqdu magħhom. |
| 6 | U kuljum kienu jiżdiedu | | u jaraw li jinqasam kollox bejniethom. |

**Attività B**

1. Kif taħseb li l-Ispirtu s-Santu jista' jgħin lilek f'dawn iċ-ċirkustanzi?

a. Trid tistudja u m'għandekx aptit ħlief taħli l-ħin ..........................................................

..........................................................................................................................................

b. In-nanna tixtieqek tagħmel *weekend* magħha, u inti trid toħroġ mal-ħbieb. .........

..........................................................................................................................................

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

**Attività Ċ**

L-appostli wasslu lil Ġesù lill-ewwel nies li ltaqgħu magħhom.

a. Semmi 2 affarijiet li tista' tagħmel din il-ġimgħa biex lil Ġesù twasslu lill-oħrajn.

i. ..........................................................................................

ii ..........................................................................................

**b. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..........................................................

..........................................................................................

..........................................................................................





**Iddiskuti**

**2. L-appostli għaddew it-tagħlim ta' Ġesù lill-komunitajiet li bdew jiżdiedu u jikbru. B'hekk kibret il-Knisja. Illum minn huma dawk li jagħmlu parti minn din il-komunità kbira, li hi l-Knisja?**

..........................................................................................

..........................................................................................

# L-Ispirtu li jgħajjixna

L-Ispirtu s-Santu huwa dejjem magħna. Kien mal-appostli u Ġesù ħallieh ikun magħna wkoll. Għalhekk għandna nħalluh jaħdem fina. Kont taf li inti tempju tal-Ispirtu s-Santu? Inti tempju għax ġo fik hemm dan l-Ispirtu qaddis li rċevejt fil-Magħmudija. Issa li jgħodd hu kemm ser tapprezza dan ir-rigal u tħallih jgħinek biex tgħix aħjar. Huwa għandu qawwa kbira, għandu rigali kbar li kapaċi jagħtik u li bihom inti tkun tista' tgħix aħjar miegħek innifsek u ma' ta' madwarek. Nagħmlu tajjeb jekk insiru nafu liema huma r-rigali jew id-doni tal-Ispirtu s-Santu u nitgħallmu nużawhom tajjeb.

## Sib dan il-kliem mill-*wordsearch* billi tagħmel ċirku madwar il-kelma.

**Attività A**

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| B | D | F | T | U | I | S | H | Ħ | K | L | U |
| M | G | Ħ | E | R | F | E | I | J | U | P | O |
| N | M | O | Ż | X | Ġ | K | O | F | D | S | T |
| U | B | I | J | R | A | Q | A | W | W | A | J |
| Ħ | X | T | V | X | W | P | Ħ | L | W | K | X |
| P | W | S | F | N | X | Ż | H | K | K | V | J |
| S | I | P | X | E | K | S | L | U | U | Ġ | E |
| D | I | E | Ż | I | H | B | R | N | N | A | N |
| D | D | F | T | J | Ġ | M | N | Z | S | I | Z |
| Ċ | A | T | R | À | P | U | A | I | I | D | A |
| K | O | P | R | M | C | V | M | L | L | Ċ | F |
| B | I | Ż | A' | T' | A | L | L | A | L | A | T |

GĦERF
FEHMA
KUNSILL
QAWWA
XJENZA
PIETÀ
BIŻA` T'ALLA



Iddiskuti

**Aqra dawn is-sitwazzjonijiet u bħala grupp iddiskuti liema don tal-Ispirtu s-Santu jaqbel ma' kull sitwazzjoni.**

Attività B

a. Mark tant iħobb lil Ġesù li jagħmel ħiltu kollha biex ma jweġġa' lil ħadd għax f'kull persuna jara lil Ġesù. ............................
b. Valerie ma titlifx lezzjoni waħda tad-duttrina għax tkun trid titgħallem iktar fuq Ġesù ħalli tkun tista` tixbhu dejjem aktar............................
ċ. Meta Philip jisma' l-Evanġelju waqt il-quddiesa, joqgħod attent ħafna għat-tifsira tal-qassis ħalli jifhimha u jagħmel hekk hu wkoll. ........................
d. Il-ħbieb ta' Julie kemm-il darba kienu jiffittawha biex tmur il-bandli magħhom minflok toqgħod tistudja, iżda hi qatt ma aċċettat. Kienet tgħidilhom li hemm ħin għall-bandli, imma hemm ħin għall-istudju wkoll..................

BIŻA' T'ALLA • GĦERF • FEHMA • QAWWA

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

Attività Ċ

Tnejn mit-tfal tal-klassi ta' Lisa, Anne u Cynthia, ma kinux jitkellmu u kienu ilhom hekk għal xi żmien. Lisa kellmet lil waħda minnhom u qaltilha bil-manjieri sbieħ li kellha u kemm tista' tagħmel ġid bihom jekk ikun hemm aktar paċi. Fissritilha li Anne kienet nar tat-tiben u allura jgħaddilha malajr. Kellmet ukoll lil Cynthia u qaltilha x'qalb kbira kellha u kif setgħet taħfer aktar malajr lil min b'xi mod ikun naqasha. Kienet kapaċi tagħmilhom ħbieb.

a. X'doni tal-Ispirtu s-Santu wżat Lisa? ..........................................................
b. Taħseb li kienet faċli li terġa' tgħaqqad fil-ħbiberija lil sħabha? ..........................................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..........................................................
..........................................................................................................





# Post Marija fil-Komunità

Il-Madonna għandha ħafna x'tgħallimna. Hi kienet dik il-persuna li wieġbet għas-sejħa t'Alla u aċċettat li tkun omm Ġesù. Marija hija omm il-Knisja u dan jidher ċar fil-kliem ta' Ġesù qabel ma miet fuq is-salib: "Xħin ra Ġesù 'l ommu u d-dixxiplu l-maħbub hemm wieqaf qal lil ommu: "Mara, ara ibnek." Imbagħad qal lid-dixxiplu: "Ara, ommok." U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu." Hawnhekk Ġesù wera lid-dinja kollha li l-Madonna hija l-omm tagħna lkoll; l-omm li tieħu ħsiebna; l-omm li tgħaqqadna bħala familja waħda; l-omm tal-Knisja kollha.

## Attività A

**Agħżel kwalità li tammira ħafna fil-Madonna u ikteb kif beħsiebek tuża din il-kwalità biex tkun tixbah aktar lilha.**

..........................................................................................................................................................

..........................................................................................................................................................

..........................................................................................................................................................

## Attività B

### Ara tafx dawn:

a. Marija hija s-............................................ tal-art u s-sema.

b. Marija hija omm Ġesù u omm il-familja t'Alla, jiġifieri l-.......................................

ċ. Lill-Madonna nsejħulha l-Immakulata ............................................ għax twieldet mingħajr id-dnub tan-nisel.

d. Marija ġiet imtellgħa s-sema bir-ruħ u bil-............................................

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ

Pedro kien għadu kif sema' lill-għalliema tgħid kemm it-talba tar-Rużarju hija għal qalb ta' din il-mara speċjali. Fil-għaxija wara l-ikel ħajjar lill-ġenituri biex jgħidu din it-talba. Oħtu Marija kienet għajjiena u ma tantx għoġbitha din l-idea.

a. Pedro x'lezzjoni ħa mingħand l-għalliema? ......................................................

b. X'taħseb li qalilha Pedro lil oħtu meta ra li l-idea m'għoġbithiex? ..........................

..........................................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** .............................................................

..........................................................................................................

..........................................................................................................



# Is-Saħħa

**Biex tassew inkunu nistgħu ngħixu f'komunità magħquda hemm bżonn li jkollna l-paċi bejnietna. Il-qaddis San Domenico Savio hu eżempju ċar ta' dan. Mhux biss kien jgħix f'għaqda ma' Alla permezz tat-talb, iżda kien ixerred il-paċi fost sħabu.**

## Kompli dawn is-sentenzi dwar San Domenico Savio billi tagħżel minn dawn il-kliem:

**jitqarben • 1842 • jitlob • intelliġenti • Marija • kmandati • seba' • dnub**

San Domenico Savio twieled fl-

.................................... fl-Italja. Domenico

Savio kien tifel ....................................

Kien iħobb .................................... ħafna

tant li hu ħallieh jagħmel l-Ewwel Tqarbina

ta' .................................... snin. Domenico

kiteb dawn reżoluzzjonijiet, li huma

dawn: inqerr u ....................................

spiss, inħares il-Ħdud u l-festi

...................................., inżomm lil Ġesù

u lil .................................... bħala l-akbar

ħbieb tiegħu.



# Fil-komunità

Attività B

**Aqra din it-talba u wara wieġeb.**

Kemm hu sew li ngħixu u nkunu f'għaqda bejnietna.
Dan inaqqas it-tensjoni u l-firda u b'hekk ssaltan aktar l-imħabba, l-għaqda u l-paċi.

**Mulej, agħmilni ħabib ma' kulħadd.**
**Agħmel li persunti tnissel fiduċja f'min**
**qed ibati u jħossu mdejjaq,**
**f'min jixtieq jibda jħobb u ma jafx kif.**
**f'min jixtieq jiftaħ qalbu u jħossu bla ħila;**
**f'min qed ifittex id-dawl għax jinsab**
**'il bogħod minnek.**

a. X'qed nitolbuh lil Alla meta nitolbu b'din it-talba? ....................................

.............................................................

b. Liema hija l-aktar parti li nsibu diffiċli biex nagħmlu? ....................................

.............................................................

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

Attività Ċ

Kellhom logħba importanti ħafna u kienu ilhom jittrenjaw għal ħafna xhur. Malcolm kien jittrenja bis-sħiħ u kien ċert li kienu ser jirbħu. Waqt il-logħba biex jiskorja *goal* hu weġġa' lil sieħbu b'daqqa ta' sieq. Qamet ġlieda u l-logħba kellha tieqaf. Mhux talli ħadd ma rebaħ, imma talli weġġgħu ħafna nies għax kien hemm ħafna ġlied.

a. Għalfejn Malcolm kellu tort f'din il-ġlieda? ........................................

.............................................................

b. X'iġibu dejjem il-piki u l-ġlied? ........................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ........................................

.............................................................





# Għandek x'tagħtini

Fil-ħajja tagħna aħna ngħixu ma' oħrajn u allura nagħmlu parti minn ħafna gruppi. Għandna l-grupp tal-familja, tal-klassi, il-grupp per eżempju ta' xi forma ta' sports li jissejjaħ tim. Għandna wkoll il-grupp tal-parroċċa li jissejjaħ komunità u ħafna oħrajn. Biex kull grupp, ikun liema jkun, jimxi 'l quddiem hemm bżonn li l-membri kollha jagħtu s-sehem tagħhom, permezz tal-ħiliet, it-talenti tagħhom u l-kwalitajiet diversi. Meta aħna naqsmu l-kwalitajiet sbieħ li għandna u nużaw it-talenti u l-ħiliet tagħna għall-ġid ta' xulxin, inkunu qegħdin ngħinu biex tikber l-għaqda fit-tim jew il-komunità tagħna. Jekk kulħadd jagħti u jaqsam dak li għandu mal-oħrajn, jintebaħ li jkun qed jirċievi ħafna aktar milli jkun ta.

## Aħdem fi grupp

Attività A

L-għalliema tatkom proġett dwar kif ser tieħdu ħsieb l-ambjent. Tridu toħolqu powster dwar dan u tridu wkoll tagħmlu taħdita qasira dwar il-proġett tagħkom lill-kumplament tal-klassi.

a. Iktbu t-talenti ta' kull persuna fil-grupp ............................................................

..............................................................................................................

b. Iktbu ftit punti dwar kif se tqassmu x-xogħol bejnietkom skont it-talenti ta' kull persuna fil-grupp ............................................................

..............................................................................................................

..............................................................................................................

## X'taħseb

Attività B

a. X'taħsbu li jagħmel grupp b'saħħtu? ............................................................

..............................................................................................................

b. Semmi żewġ valuri li Ġesù jridna nużaw meta nkunu fi grupp.................................

..............................................................................................................

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

Iddiskuti

Attività Ċ

Andrew kien iparla ħafna u meta jitkellem kont taħseb li mingħajru l-grupp ma kien xejn. Imma meta fil-fatt kont tiġi għax-xogħol, kont tinduna li dejjem iħalli l-piż tax-xogħol fuq ħaddieħor u hu jikkritika biss.

a. Taħseb li Andrew kien tassew membru tat-tim? ..................................

b. Min hu membru attiv f'tim, x'irid jagħmel? ..................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..................................................

..............................................................................................................

..............................................................................................................



# L-Ambjent fejn ngħixu

**Matul ħajjitna niltaqgħu ma' persuni li jridulna l-ġid u li jgħinuna b'diversi modi. Fil-familja nsibu l-ġenituri jew dawk li jieħdu ħsiebna u li jagħmlu ħafna sagrifiċċji għalina. Fl-iskola l-għalliema tagħna jagħmlu mill-aħjar biex jedukawna biex insiru ċittadini tajbin. Fiċ-ċentru tad-duttrina nsibu lill-katekisti li jgħinuna nikbru fl-imħabba tagħna lejn Ġesù. L-istess jagħmlu s-saċerdoti. Bl-għajnuna li jagħtuna u b'dak li jaqsmu magħna dawn il-persuni u oħrajn jgħinuna nsiru persuni aħjar.**

**Attività A**

## Aħdem fil-grupp

Dawn huma xi persuni li jgħinuna fil-ħajja tagħna. Ħdejn l-isem tal-persuni ikteb żewġ eżempji ta' kif għenuk jew qed jgħinuk fil-ħajja tiegħek. L-aħħar waħda vojta biex taħseb f'persuna oħra li hi ta' għajnuna għalik.

a. Il-ġenituri/ jew min jieħu ħsiebek..........................................................................

..........................................................................................................................

b. L-għalliem/a..........................................................................................................

..........................................................................................................................

ċ. ......................................................................................................................

**Attività B**

**F'din il-moħba-kelma sib l-ismijiet ta' nies li jagħtuna servizz.**

**ġenituri • katekisti • għalliema • tobba • nanniet • saċerdoti • ħbieb • pulizija**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| S | Ġ | E | N | I | T | U | R | I | Q | K |
| A | E | Ħ | T | E | I | N | N | A | N | A |
| Ċ | L | O | B | S | A | X | A | T | W | T |
| E | P | U | L | I | Z | I | J | A | E | E |
| R | J | P | L | S | E | N | R | R | R | K |
| D | R | R | M | D | U | B | T | K | T | I |
| O | W | Z | N | G | N | M | U | B | U | S |
| T | A | M | E | I | L | L | A | Ħ | G | T |
| I | Z | T | O | B | B | A | K | L | O | I |



## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

Attività Ċ

Kont fi triqtek lejn l-iskola u qabdet nieżla x-xita. Kellek 'il bogħod u stkennejt taħt bieb. Wara ftit ix-xita waqfet, imma billi l-art kienet mimlija ilma u kellek ħafna toqol sibt diffikultà biex tkompli t-triq. Ġiet mara, ħaditlek il-basket u għenitek sal-iskola.

a. Xi tħoss lejn persuni bħal dawn? ..........................................................

b. X'għandek tgħid biex turi l-apprezzament tiegħek? ....................

..........................................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..........................................................

..........................................................................................................

..........................................................................................................



# L-imħabba u l-għaqda li ssaltan fostna

Fil-Ktieb tal-Atti tal-Appostli, San Luqa jikteb dwar kif bdiet il-Knisja u kif kienu jgħixu l-ewwel Insara. Dawn is-siltiet sbieħ juruna u jgħaddulna bl-aktar mod ċar eżempji tal-imħabba u l-għaqda li kienu jsaltnu fosthom. Ma kien hemm xejn li ma kinux jagħmlu għal xulxin. Kienu jħobbu tassew u biex iħobbu b'dan il-mod kienu jbatu. Allura dawn il-ġrajjiet juruna wkoll kif għandna nġibu ruħna aħna llum ma' dawk ta' madwarna.

## Aqra dawn is-siltiet. Imbagħad aħdem l-attivitajiet dwarhom.

Il-kotra kbira ta' dawk li emmnu kienu qalb waħda u ruħ waħda. Ħadd minnhom ma kien jgħid li l-ġid li kellu kien tiegħu, iżda kellhom kollox flimkien. B'qawwa kbira l-appostli kienu jagħtu xhieda tal-qawmien tal-Mulej Ġesù, u kulħadd kien iġibhom ħafna. Ħadd minnhom ma kien jonqsu xejn; għax kull min kellu għelieqi jew djar kien ibigħhom u l-flus li jdaħħal minnhom kien imur iqiegħdhom f'riġlejn l-appostli. Imbagħad kien jitqassam kollox skont il-ħtieġa ta' kull wieħed.

**Atti 4, 32-35**

Dik il-ħabta xi profeti minn Ġerusalemm niżlu Antjokja. Wieħed minnhom, jismu Agabu, kellu sinjal mill-Ispirtu, u qam iħabbar li kien se jaqa' ġuħ kbir fuq l-art kollha. Dan seħħ tabilħaqq fi żmien l-Imperatur Klawdju. Għalhekk, id-dixxipli qatgħuha li lkoll kemm kienu, kull wieħed skont ma kien jista', jibagħtu l-għajnuna lil ħuthom li kienu joqogħdu fil-Lhudija. Hekk għamlu; u bagħtu l-għajnuna għand il-presbiteri (qassisin) ma' Barnaba u ma' Sawl.

**Atti 11, 27-30**

## Attività A

### Ikteb VERU jew FALZ ħdejn kull waħda minn dawn is-sentenzi.

a. L-ewwel Insara kienu jaqsmu kollox bejniethom. ..............................................

b. Kienu jbigħu ġidhom u jżommu l-flus għalihom. ..............................................

ċ. Kulħadd kien jaħseb għal rasu. ..............................................

d. Kienu jaqsmu l-ħobż fi djarhom. ..............................................

e. In-nies l-oħra kienu jgħidu kontriehom. ..............................................

f. Ħadd minnhom ma kien iżomm il-ġid għalih. ..............................................




## Attività B

### Aħdem fil-grupp u kompli dawn is-sentenzi dwar is-siltiet li qrajt.

a. L-ewwel Insara kienu ferħanin għax..............................................................................

b. Kieku jiena (kont nitħajjar/ ma kontx nitħajjar) nissieħeb magħhom għax ..............

..........................................................................................................................

## Attività Ċ

### Din għalik. Ara x'tgħidlek!

L-ewwel Insara kienu ħaġa waħda u kienu jaqsmu kollox bejniethom.
Illum x'taħseb li trid tagħmel biex tgħix tassew din l-imħabba li kienu juru huma? Agħti żewġ eżempji.

i. ..........................................................................................

ii. ..........................................................................................

**Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..........................................................

..........................................................................................

..........................................................................................





# Il-frott tal-Ispirtu

**Fil-jum ta' Pentekoste l-ispirtu s-Santu, ta lill-appostli d-doni tiegħu. Dawn id-doni ssarrfu f'għemejjel tajba li ħallew frott u ġid kbir fil-komunitajiet ta' dak iż-żmien. Illum ukoll dan l-istess spirtu għadu jagħti l-istess doni lilna llum ukoll. Ir-riżultat ta' dawn id-doni huma l-frott, jiġifieri l-għemejjel tajba li joħorġu minn dawn id-doni. Meta wieħed jgħix tajjeb ir-riżultat tal-imġiba tiegħu jkun tajjeb ukoll u hekk l-ambjent fejn jgħix ikun mimli tjieba u int li tieħu pjaċir tgħix u tikber fih.**

## 1. Aqra din is-silta u kompli dawn is-sentenzi.

"Jaqaw jiġbru l-għeneb mix-xewk jew it-tin mill-għollieq? Għalhekk, kull siġra tajba tagħmel frott tajjeb, imma siġra ħażina frott ħażin tagħmel. Ma tistax siġra tajba tagħmel frott ħażin, lanqas ma tagħmel siġra ħażina frott tajjeb.
Mill-frott tagħhom intom tagħrfuhom." (Mt. 7, 16-20)

**Attività A**

a. Ġesù qed jgħidilna li s-.................................................. jintgħarfu mill-.................................................. tagħhom.

b. Ġesù jsemmi s-siġra tat-............................ u jgħid li ma tistax taqta' tin mill-..................................., kif lanqas ma tista' taqta' .................................................. mix-..................................................................

ċ. B'dan kollu, Ġesù ried ifisser li l-bnedmin jintgħarfu jekk humiex tajbin jew ................................................ mill-għemejjel .................................................... jew ħżiena tagħhom.

## 2. Kif għandna tkun l-imġiba tagħna meta nkunu...?

| | | |
|---|---|---|
| Fil-knisja | | għajnuna u sapport |
| Fil-klassi | | tolleranza u mogħdrija |
| Fid-dar | | kwiet u b'attenzjoni kbira |
| Fil-bitħa tal-iskola | | edukata u li turi rispett |
| Fit-triq | | miġbura u kwieti |

## Qabbel il-frott tal-Ispirtu mal-ġrajja

Attività B

| Frott | | Ġrajja |
|---|---|---|
| ĦNIENA | | Kelli aptit norqod, imma kelli noqgħod nisma' 'l-ħija jdoqq il-pjanu għax kellu l-eżami. |
| SABAR | | Ċedejt l-idea tiegħi biex il-grupp jibqa' magħqud. |
| ĠUSTIZZJA | | Ommi nsiet titma' l-kelb u malli smajtu jinbaħ, għax kien bil-ġuħ, inżilt nagħtih jiekol. |
| GĦAQDA | | Sieħbi kellu tort u jien, allavolja hu l-aktar ħabib tiegħi, għedt il-verità. |

Attività Ċ

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

Il-ġara li kienet tgħix weħidha kienet għadha kemm xtrat kelb kbir li għamlitlu post fil-bitħa. Sa ma dara dan il-kelb kien jgħaddi ljieli twal jinbaħ, jingħi u jaqleb kulma jsib fil-bitħa. Lanqas norqod ma kien iħallini.

a. X'kelli nagħmel jien meta kont naf biċ-ċirkustanza tal-ġara? ................................

..........................................................................................

b. Taħseb li biex tieħu paċenzja hu dejjem faċli?..............................

..........................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..................................................

..........................................................................................





# Inkunu ta' servizz għal xulxin

Is-servizz fil-komunità huwa ta' importanza kbira jekk aħna rridu ngħixu flimkien f'armonija u fil-paċi. Biex inkunu ta' servizz irridu naraw x'hemm bżonn li nagħmlu u nagħmluh. Xi kultant dan iġib miegħu ċerti problemi għax irridu mmorru kontra dak li nixtiequ jew irridu aħna biex isir dak li hemm bżonn u li jkun ser jiswa għall-ġid ta' kulħadd.

Aqra s-silta Lq1, 39-56

## Il-Madonna kienet persuna li ħalliet il-kumdità ta' darha.

**Hi marret għand il-qariba tagħha li kien jisimha Eliżabetta biex tkun ta'servizz għaliha minħabba li kellha bżonn l-għajnuna.**

Attività A

a. Kellha raġuni tajba l-Madonna biex tibqa' d-dar? **Iva | Le**

b. Veru li Eliżabetta kellha bżonn l-għajnuna? **Iva | Le**

ċ. Kienet faċli għall-Madonna li tmur għand Eliżabetta? **Iva | Le**

d. Kien ta' tbatija għall-Madonna li ddum 3 xhur għand Eliżabetta? **Iva | Le**

e. X'qed turina l-Madonna f'din is-silta? Agħżel dak li jgħodd għalik.

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Kif għandna naqdu | | Li hemm it-tbatija fil-qadi | | L-ewwel nara x'għandi bżonn jien | | Min jaqdi jkun iħobb tassew | |

## Kif tista' tgħin f'dawn iċ-ċirkustanzi?

Attività B

| |
|---|
| **Jake m'għaddiex mill-eżami u jinsab imdejjaq ħafna.**<br>Jien ................................................................................................................................ |
| **Sħabi ma jmorrux għal-laqgħat tal-katekiżmu.**<br>Jien ................................................................................................................................ |
| **Luke jinsab marid l-isptar u ħa jdum.**<br>Jien ................................................................................................................................ |

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

Attività Ċ

"Meta nagħtu, aħna naqilgħu". Tiftakar meta tajt xi ħaġa minn tiegħek biex tgħin lil ħaddieħor? Kif ħassejtek wara? ........................................................................................

"Meta naħfru, aħna niġu maħfrura". Semmi ġrajja f'ħajtek meta inti ħfirt lil xi ħadd.

........................................................................................................................................

**Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..........................................................................................

........................................................................................................................................

........................................................................................................................................

........................................................................................................................................



# Ħadem fihom ukoll

Meta nħallu' l-Ispirtu t'Alla jaħdem fina, aħna jirnexxilna tassew li nkunu nies ta' servizz għal xulxin. Kull fejn naraw li hemm bżonn l-għajnuna tagħna nkunu lesti li nagħtu l-ħin u t-talenti tagħna biex inħallu d-dinja ta' madwarna aħjar milli sibnieha. F'din il-lezzjoni ser nieħdu l-eżempju ta' tliet persuni li wżaw il-ħiliet u l-ħin tagħhom biex ikunu ta' servizz għal ħaddieħor. Dawn huma San Ġwann Neumann, Mahatma Gandhi u San Ġużeppe Moscati.

## Agħżel it-tweġiba t-tajba f'dawn is-sentenzi dwar San Ġwann Neumann billi tagħmel sing taħtha.

**Attività A**

1. Ġwanni Neumann twieled ☐ fil-Polonja ☐ fl-Italja ☐ fir-Repubblika Ċeka
2. Huwa daħal is-Seminarju biex isir ☐ tabib ☐ qassis ☐ għalliem.
3. Huwa ġie ordnat saċerdot wara li wasal ☐ l-Amerika ☐ Franza ☐ il-Ġermanja.
4. Fir-raħal fejn kien mar jaħdem huwa kien jgħix ħajja ☐ komda ☐ ta' faqar ☐ ta' lussu.
5. Huwa setà jgħin nies ġejjin minn pajjiżi differenti għax ☐ kien isiefer ħafna ☐ kellu dar kbira ☐ kien jaf ħafna lingwi.

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

**Attività Ċ**

a. Aħseb ftit fl-eżempju li tawk dawn it-tliet persuni f'din il-lezzjoni. Liema wieħed minnhom laqtek l-aktar? ......................................................................................

..........................................................................................................................

## 1. Imla l-vojt f'dawn is-sentenzi dwar Mahatma Gandhi. Agħżel mill-kliem fil-kaxxi.

Attività B

**nisranija • avukat • mexxej • Indja • indipendenti**



Mahatma Gandhi twieled l- .......................................

Huwa studja biex isir ....................................... Gandhi

ma kienx ta' reliġjon .........................................

Huwa ħaddem il-ħiliet tiegħu ta'

......................................... biex l-Indja jsir pajjiż

......................................... Kien jemmen fil-paċi.

## 2. Qabbel kolonna m'oħra biex tgħaqqad is-sentenzi dwar San Ġużeppi Moscati.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Ġużeppe Moscati twieled f'familja sinjura | | beda jaħdem fi sptar għall-mard li ma jitfejjaqx. |
| 2. | Għażel li jsir tabib | | il-mediċini għall-pazjenti fqar. |
| 3. | Għalkemm kien sar famuż | | kien jibqa' juża l-ħlewwa mal-morda. |
| 4. | Kien jilqa' f'daru pazjenti foqra | | biex itaffi t-tbatija tal-morda. |
| 5. | Huwa kien iħallas minn butu | | lin-nies foqra ta' Napli. |
| 6. | Huwa kien jagħmel kuraġġ lill-morda | | ġewwa l-Italja. |
| 7. | Għalkemm kien ikun għajjien | | u kien jitlob għalihom. |
| 8. | Kien imur iżur u jqassam l-ikel | | li ma kinux jistgħu jħallsuh. |

b. X'ħadt minn din il-persuna? .....................................................................................

.....................................................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** .....................................................................

.....................................................................................................................

# Għaliex Nitlob?

Il-bnedmin ta' kull żmien u ta' kull kultura jew reliġjon iħossu l-bżonn li jikkomunikaw ma' xi ħadd li hu akbar minnhom. Aħna wkoll, bħala Nsara, inħossu l-bżonn li nżommu kuntatt m'Alla. Imma jiġri li xi kultant niltaqgħu ma` nies li jgħidu li m'għadhomx jitolbu għal diversi raġunijiet. Jista' jkun ukoll li xi drabi aħna stess ma nħossux il-bżonn li nitolbu. L-importanti hu li nindunaw x'inhuma dawk l-affarijiet li qed itellfuna milli nqattgħu ftit ħin mal-Mulej sabiex nippruvaw nirbħu dawn id-diffikultajiet. B'hekk inkunu nistgħu nħallu lil Alla jkun parti importanti mill-ħajja tagħna.

## 1. Imla f'dawn l-idejn xi tfisser għalik il-kelma.

Attività A

TALB



## 2. Agħti żewġ raġunijiet biex turi għalfejn in-nies jitolbu.

1............................................................................

............................................................................

............................................................................

2............................................................................

............................................................................

............................................................................

............................................................................

## Attività B

### Ħares lejn il-mod ta' kif qed iġibu ruħhom in-nies fir-ritratti. Wieġeb:

a. X'qed juruna bl-imġiba tagħhom? ........................................................................

ċ. X'jgħallmuna dwar l-imġiba tagħna waqt it-talb? ........................................................

..............................................................................................................................



## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ

Kelsey kellha kollox għax kienet ġejja minn familja sinjura. Imma ma kienet imkabbra xejn għax il-ġenituri tagħha kien jgħallmuha taqsam dak li jkollha mal-oħrajn. Kienet tattendi għal-lezzjoni tal-katekiżmu kuljum u tara kif tagħmel biex issir aħjar. Darba mardet in-nanna b'marda serja u tatha rasha. Marret il-knisja biex titlob u lil Alla qaltu biex ifejqilha lin-nanna għax hi kienet tifla li qed tipprova ssir aħjar.

a. Xi kwalita ta' persuna kienet Kelsey?.........................................................

b. Aħna għalfejn nitolbu? ..................................................................

..........................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ....................................................

..........................................................................................



# Ħajti talba

Matul il-ħajja tagħna jiġu ħafna mumenti meta nitolbu. Xi drabi nitolbu waħidna u drabi oħra nitolbu mal-oħrajn. Mhux kulħadd jitlob bl-istess mod. Hemm min iħobb jitlob mill-Bibbja – il-Kelma t'Alla. Dawn in-nies jaqraw silta mill-Bibbja jew inkella xi Salm u mbagħad joqogħdu jaħsbu dwaru u jitolbu lil Alla jgħinhom jgħixu dak li jkunu qraw. Oħrajn jitolbu b'mod spontanju, jew x'ħin jiftakru; it-talb tagħhom jgħiduh kif iħossu dak il-ħin u jitkellmu m'Alla malli jiftakru fiH. Hemm nies oħrajn li jgħaddu ħin twil ħafna fit-talb. Għax huma jemmnu li Alla qed jismagħhom, jiftħu qalbhom miegħu, ikellmuh u jħalluh ikellimhom f'qalbhom. Nies oħrajn jippreferu jitolbu waqt li qed jimxu, jew jagħmlu xi ħaġa oħra bħal meta jgħinu lil ħaddieħor. Iħossuhom aktar komdi jitkellmu m'Alla waqt li jkunu qed jagħmlu xi ħaġa milli kieku joqogħdu bilqiegħda ma jiċċaqalqux. Hu x'inhu l-mod kif nitolbu, l-importanti hu li nżommu f'moħħna li Alla jieħu pjaċir meta niftakru fih u nkellmuh u dejjem lest li jisma' dak li għandna x'ngħidulu.

**Idiskuti ma' sħabek u flimkien wieġbu dawn il-mistoqsijiet kif taħsbu l-aħjar.**

Attività A

Iddiskuti

a. F'liema ħinijiet tal-ġurnata tippreferi titlob waħdek? ................................................

..........................................................................................................................

b. X'tip ta' talb tgħid meta titlob waħdek? ................................................

..........................................................................................................................

ċ. Tista' ssemmi xi talb li titlob meta tkun mal-oħrajn? ................................................

..........................................................................................................................



**Attività B**

**Minn din il-lista mmarka l-mumenti li fihom inti titlob billi tagħmel ✔ ħdejn kull waħda. Wara ddiskuti ma' sħabek u qabblu t-tweġibiet tagħkom.**

a. Nitlob lil Alla jfejjaq lil xi ħadd marid.............

b. Nitlob lil Alla biex ngħaddi mill-eżamijiet.............

ċ. Nieħu sehem fil-quddiesa.............

d. Naqra l-Bibbja.............

e. Infaħħar lil Alla fil-ġmiel tal-ħolqien. .............

f. Ngħid ir-rużarju mal-familja.............

ġ. Ngħid it-talba ta' qabel u wara l-ikel.............

g. Nitlob maħfra lil Alla.............

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

**Attività Ċ**

a. Li kieku kellek tagħżel talba favorita minn dawk li tgħid ta' spiss, liema tagħżel? ...

.............................................................................................................................

b. Għaliex hi talba għal qalbek? .............................................................................

.............................................................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..............................................................................

.............................................................................................................................

.............................................................................................................................



# It-Talb jgħinna nikbru

Aħna l-insara nimxu fuq l-eżempju u t-tagħlim ta' Ġesù. Għalhekk fit-talb tagħna u fil-modi kif nitolbu, aħna nħarsu lejn Ġesù u naraw meta, kif u għalfejn kien jitlob. Jekk irridu li t-talb tagħna jkun jogħġob lil Alla u jiswa ta' ġid għalina jrid ikun jixbah lil dak ta' Ġesù u jkun kif għallimna hu.

## Meta u kif kien jitlob Ġesù? Aqra dawn is-siltiet mill-Evanġelju li juruna l-mumenti fejn Ġesù talab

Attività A

Dawn is-sentenzi juruna kif u għalfejn talab Ġesù. Ikteb n-numru ta' kull sentenza fil-kaxxa ħdejn is-silta tal-Evanġelju li taqbel magħha. L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.

**1.** Ġesù jitlob qabel ma jagħmel xi ħaġa importanti

**2.** Ġesù jitlob fl-aħħar ta' ħajtu.

**3.** Ġesù jitlob qabel ma jbati.

**4.** Ġesù jitlob biex ifaħħar lill-Missier.

[ 1 ] Mela darba fost l-oħrajn ħareġ lejn l-għoljiet biex jitlob, u għadda l-lejl fit-talb lil Alla. Meta sebaħ, sejjaħ lejh id-dixxipli tiegħu u minnhom għażel tnax, li semmiehom appostli. *(Lq 6,12-13)*

[   ] F'dak l-istess ħin Ġesù tqanqal bil-ferħ mill-Ispirtu s-Santu u qal: "Infaħħrek, Missier, Sid is-sema u l-art, għax int dawn il-ħwejjeġ ħbejthom lil min għandu l-għerf u d-dehen u wrejthom liċ-ċkejknin. (Lq 6,12-13)

[   ] Imbagħad tbiegħed minnhom daqs tefgħa ta' ġebla u nxteħet għarkopptejh jitlob u jgħid: " Missier, jekk inti trid, warrab minni dan il-kalċi! Iżda tkun magħmula r-rieda tiegħek, mhux tiegħi." *(Lq 22, 41-42)*

[   ] Imbagħad Ġesù għajjat għajta kbira u qal: "Missier, f'idejk nerħi ruħi." U kif qal hekk, ħarġet ruħu. *(Lq 23, 46)*



## Attività B

### Ġesù jgħallimna nitolbu.

Qabbel kolonna m'oħra billi tikteb in-numru t-tajjeb fil-kaxxa.
L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.

| | | | |
|---|---|---|---|
| a. | li fit-talb m'hemmx bżonn ħafna kliem | | t-tfal jitkellmu mal-ġenituri tagħhom. |
| b. | li għandna nkellmu lil Alla bl-istess imħabba li biha | | jew nieqfu nitolbu. |
| ċ. | li jekk ikollna l-fidi, | | nitolbu mal-oħrajn. |
| d. | li qatt m'għandna naqtgħu qalbna | 1 | għax il-Missier jaf dak li għandna bżonn. |
| e. | kemm hu sabiħ li | | aħna rridu nkunu lesti li naħfru lill-oħrajn. |
| f. | li jekk irridu li Alla jaħfrilna, | | nemmnu li Alla jisma' dejjem it-talb tagħna. |

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ

a. Kieku kont mal-appostli tisma' lil Ġesù jitkellem dwar it-talb u tarah jitlob, x'kont tistaqsih? ..........................................................................................

..........................................................................................

b. Liema mit-tagħlimiet ta' Ġesù għoġbitek l-aktar? Għaliex? ..........................................................................................

..........................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ..........................................................................................

..........................................................................................

..........................................................................................



# Il-Quddiesa l-akbar talba

Il-quddiesa hija l-ikbar u l-aktar talba importanti għalina l-l nsara. Il-quddiesa tfakkarna li aħna komunità – il-familja ta' Alla – li qed tinġabar flimkien madwar Ġesù fl-Ewkaristija. Fil-quddiesa nerġgħu ngħixu mill-ġdid it-tbatija, il-mewt u r-rebħa ta' Ġesù fuq il-mewt u d-dnub. Fil-quddiesa nsibu partijiet differenti. F'kull parti tal-quddiesa nkunu qegħdin nieħdu sehem f'talb speċjali li jgħinna nifhmu dak li nkunu qegħdin niċċelebraw.

## Attività A

**Imla l-vojt f'din is-silta dwar il-quddiesa bi kliem xieraq.**

Iddiskuti

Fil-bidu tal-Quddiesa aħna nagħrfu ħ.................................. u nitolbu m.................................. lil Alla. Wara nisimgħu lil Alla j.................................. permezz tal-qari mill-Bibbja. Waqt l-offertorju, aħna noffru lil Alla l-ħ.................................. kollha tagħna. Ġesù jiġi fosta fil-ħin tal-k.................................. Nuru li aħna lkoll aħwa, meta flimkien ngħidu l-M.................................. Għat-tqarbin għandna nersqu b'q.................................. u b'qalb nadifa. Wara li nitqarbnu għandna n.................................. lil Ġesù tar-rigal kbir li jkun tana. Fi tmiem il-quddiesa s-saċerdot jgħidilna mmorru fil-p.................................. ta' Kristu. Dan ifisser li dak li nkunu smajna u ħadna fil-quddiesa rridu nkomplu ngħixuh fil-ħ.................................. ta' kuljum.

## Attività B

AĦDEM FI GRUPP

**Dawn is-sentenzi li ġejjin juru l-ewwel partijiet differenti tal-quddiesa.**

**Agħżel mill-frażijiet fil-kaxxi u ikteb it-tip ta' talb li jsir f'kull parti.**

**Nitolbu lil Alla jaħfrilna ħtijietna.** | **Nitolbu għall-bżonnijiet tagħna u tal-oħrajn.** | **Nisimgħu lil Alla jkellimna.** | **Infaħħru lil Alla għall-kobor tiegħu.**

| | |
|---|---|
| Fil-bidu tal-quddiesa s-saċerdot jistedinna niftakru fil-ħtijiet tagħna. | *Nitolbu lil Alla jaħfrilna ħtijietna.* |
| Ngħidu flimkien: "Glorja 'l Alla fil-għoli tas-smewwiet u paċi fl-art.......... | |
| Noqogħdu bilqiegħda waqt li l-lettur u s-saċerdot jaqraw siltiet mill-Bibbja. | |
| Wara li nisimgħu l-Kelma t'Alla nagħmlu t-talbiet tal-komunità. | |

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ



a. Xi tfisser meta tgħid; Nieħu sehem fil-quddiesa?

i. ......................................................................................................

ii. ......................................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ...........................................................

......................................................................................................

......................................................................................................



# L-Ewkaristija tmexxini u tressaqni lejn l-oħrajn

Waqt it-tqarbin, Ġesù jiġi ġewwa fina fl-Ewkaristija. F'dan il-ħin aħna nsiru ħaġa waħda ma' Ġesù. Imma Ġesù jixtieq ukoll li aħna mhux biss ningħaqdu miegħu, imma ningħaqdu u nsiru ħaġa waħda bejnietna. Din l-għaqda ta' bejnietna fil-quddiesa tidher f'mumenti differenti. Hija tidher waqt li aħna ngħidu t-talba tal-Missierna u għalhekk nuru li aħna lkoll aħwa, ulied l-istess Missier.

Nuruha wkoll meta nagħtu l-paċi lil xulxin. Din l-għaqda tidher meta lkoll flimkien nersqu għat-tqarbin u nissieħbu fit-talb u l-kant waqt il-quddiesa. Fl-aħħar tal-quddiesa s-saċerdot jgħidilna: "Morru fil-paċi ta' Kristu." Permezz ta' dan il-kliem is-saċerdot jurina li l-għaqda li nkunu wrejna u saħħaħna bejnietna fil-quddiesa, irridu nkomplu nuruha u ngħixuha fil-ħajja tagħna ta' kuljum.

**Fil-Quddiesa Ġesù jgħaqqadna bejnietna. Wieġeb billi tikteb IVA jew LE għal dak li veru juri l-għaqda bejnietna jew le.** Attività A

| | | |
|---|---|---|
| a. | Nisimgħu r-radju b'volum għoli waqt il-ħin tal-mistrieħ. | |
| b. | Noffru li ngħinu lil sħabna fl-istudju tagħhom. | |
| ċ. | Immiddu jdejna għax-xogħol tad-dar. | |
| d. | Nilagħbu ma' dawk li huma tal-grupp tagħna biss. | |
| e. | Nitwarrbu mir-refuġjati li jiġu qribna. | |
| f. | Nitolbu għall-paċi fid-dinja. | |
| ġ. | Nitkellmu tajjeb fuq min jiġġieled magħna. | |

Iddiskuti

Attività B

## Aqra din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

Jason u Rebecca semgħu l-quddiesa tat-8.00 a.m. flimkien. Kienu fil-ħames klassi tal-iskola primarja u kull filgħodu kienu jgħaddu għal xulxin biex imorru l-knisja. Omm Jason u missier Rebecca kienu aħwa, però kienu miġġildin fuq il-wirt tal-familja. Għalkemm il-ġenituri tagħhom ma kinux fil-paċi, Jason u Rebecca kienu jirrispettaw lil xulxin ħafna. Kienu jemmnu li minbarra li huma kuġini, huma wkoll aħwa f'familja kbira ta' bnedmin.

a. Semmi ħaġa waħda tajba li għamlu Jason u Rebecca. ..........................................

.............................................................................................................................

b. Kif kienu ta' eżempju għall-ġenituri tagħhom dawn il-kuġini? ..................................

.............................................................................................................................

ċ. Taħseb li fehmu xi tfisser il-Quddiesa dawn it-tfal? Għaliex? ....................................

.............................................................................................................................

d. X'insejħulha l-familja kbira ta' bnedmin li waqqaf Ġesù? .........................................

.............................................................................................................................

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

Attività Ċ

a. Kieku inti kont minflok Jason jew Rebecca x'kont tagħmel biex tipprova tirranġa s-sitwazzjoni bejn il-ġenituri?

i. ..........................................................................................

ii. ..........................................................................................

**ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li** ....................................................

..........................................................................................

..........................................................................................



# Infaħħruh kuljum!

Aħna nitolbu għaliex Alla jieħu pjaċir meta aħna nitkellmu miegħu u ngħidulu b'dak li nkunu qegħdin inħossu jew naħsbu. Bħalma f'ħajjitna aħna ngħaddu minn esperjenzi u jkollna emozzjonijiet differenti, jeżistu forom ta' talb differenti wkoll.

Xi drabi ngħidu talb ta' ***tifħir***. Aħna nfaħħru lil Alla u ngħidulu kemm huwa kbir, tajjeb u qaddis. Drabi oħra ngħidu talb ta' ***ringrazzjament***. Lil Alla ngħidulu grazzi ta' dak kollu li jagħmel magħna. Jiġu wkoll mumenti fejn lil Alla nitolbuh ***maħfra*** ta' dawk id-drabi meta ma nagħmlux dak li jrid minna. Ġie li nitolbu lil Alla biex ***jgħinna f'xi bżonn*** li jkollna aħna. Drabi oħra nitolbu lil Alla għall-***bżonnijiet tal-oħrajn***. Dawn il-ħames forom ta' talb kollha nsibuhom f'mumenti differenti fil-Quddiesa.

**1. Imla l-vojt bil-kliem li ssib fil-kaxxi.**
**L-ewwel ittra ta' kull kelma lesta bħala għajnuna.**

**Attività A**

**Sid • maħfra • kbir • Ħallieq • nadurawh • għerf • kulħadd • għarkopptejna • nobduh • imexxi**

Lil Alla nkellmuh bħala l-Ħ.................................... u s-....................................

tagħna, għax Alla huwa fuq kollox u fuq k....................................

Kollox hu tiegħu u qiegħed i.................................... d-dinja u l-univers

bl-għ.................................... u l-qawwa tiegħu bla qjies. Quddiem Alla hekk

k.................................... u sabiħ ninżlu g.................................... u

n..................................... B'hekk nuruh li rridu nirrispettawh u n.....................................

## Infaħħruk kuljum Mulej

## 2. Agħmel sing taħt il-kelma t-tajba.

Lil Alla aħna nkellmuh bħala (l-qaddej, il-Missier, in-nannu) tagħna. Alla ried jagħmilna (t-tfal, is-sefturi, l-istudenti) tiegħu. Quddiem Alla nersqu (bid-dwejjaq, bil-biża', bil-ferħ) biex ngħidulu grazzi u nuruh kemm nieħdu pjaċir li jħobbna u (jinsina, jieħu ħsiebna, jitlobna). Biex nagħmlu dan ġieli (naqgħu fl-art, inqumu bilwieqfa) u ngħollu jdejna 'l fuq.

## Attività B

**Qabbel sentenza m'oħra billi tikteb in-numru t-tajjeb fil-kaxxa.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| a. | Meta jkollna bżonn xi grazzja għalina jew għal ħaddieħor | | kif iridna Alla. |
| b. | Xi drabi ma nġibux ruħna tajjeb | | biex nitolbuh maħfra u nuruh li jiddispjaċina. |
| ċ. | Għalhekk tajjeb li nersqu quddiem Alla | | nbaxxu rasna u nħabbtu fuq sidirna b'umilta u ndiema. |
| d. | Biex nagħmlu dan aħna | | nitolbuha lil Missierna tas-sema. |

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ

a. Liema forma ta' talb tuża l-aktar meta titkellem m'Alla? ..........................................

..........................................................................................................................

b. Li kellek tgħid talba lil Alla issa, f'dan il-ħin, xi tħoss li għandek tgħidlu? ..........................................................................................

..........................................................................................................................

c. Għalhekk, jien irrid nifhem li ..........................................................

..........................................................................................................................



# Is-Sagramenti f'ħajjitna

Qabel ma' tela' s-sema, Ġesù qal lill-appostli: "Jiena magħkom dejjem, sal-aħħar tad-dinja." Ġesù baqa' magħna u baqa' jaħdem fostna permezz tas-Sagramenti. Ġesù waqqaf is-seba' Sagramenti sabiex permezz tagħhom aħna nkunu nistgħu nirċievu l-għajnuna li għandna bżonn biex aħna nkunu nistgħu ngħixu tassew ta' Nsara. Is-Sagramenti huma sinjali li jidhru li permezz tagħhom Ġesù jagħtina l-grazzja – dik l-għajnuna li għandna bżonn sabiex aħna nsiru nixbhu lil Ġesù.

**F'kull Sagrament li nirċievu niltaqgħu ma' Ġesù. Imla l-vojt bl-isem ta' Sagrament.**

**Attività A**

**Griżma tal-Isqof • Qrar • Ordni Sagri • Ewkaristija • Magħmudija • Griżma tal-Morda • Żwieġ**

1. Mario laqa' għall-ewwel darba lil Ġesù f'qalbu fil-*Year 2*......................................
2. Ta' tnax-il sena sar xhud ta' Kristu u Nisrani adult. ......................................
3. Biex Mario seta' jagħmel dan kollu kien diġà rċieva l-......................................
   meta kien għadu tarbija.
4. Mario kellu zijuh qassis li rċieva l-...................................... meta kellu 27 sena.
5. Wara li Mario beda jaħdem beda jaħseb biex jifforma familja nisranija b'dan is-Sagrament. ......................................

6. Dan l-aħħar nanntu kienet marida ħafna u l-kappillan għamlilha l-.................................................

7. Mario jaf li hu permezz tal-indiema u tas-Sagrament tal-......................................... li jinħafrulna d-dnubiet tagħna.





## Attività B

a. X'sagrament hu? ..................................

..........................................................................

b. X'jiġri fina? ..........................................

..........................................................................

ċ. Meta nirċevuh?.....................................

..........................................................................

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

## Attività Ċ

David mar iqerr għax kellu l-funeral tan-nannu. Lanqas kien għadu jaf iqerr għax kien ilu ma jqerr minn ftit wara l-Ewwel Tqarbina. Kien jgħid li m'għandux għalfejn iqerr.

a. X'kien għamel ħażin it-tifel? .................................................................

b. Għalfejn immorru nqerru? .....................................................................

ċ. Għalhekk, jien irrid nifhem li..................................................................

..........................................................................................................

..........................................................................................................



# Is-Sagramenti jressquna lejn Alla u l-oħrajn

F'kull sagrament aħna niltaqgħu ma' Ġesù. Is-Sagramenti mhumiex biss mument qasir li jgħaddi, imma rridu ngħixuhom fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Permezz tas-Sagramenti Ġesù jrid iressaqna aktar lejn Alla billi jgħinna nsiru aktar nixbhuh. Meta aħna nersqu lejn Alla u nsiru nħobbuh aktar, nikbru wkoll fl-imħabba tagħna lejn l-oħrajn. Hekk is-Sagramenti jsiru parti mill-ħajja tagħna. Dak li Ġesù jagħtina permezz tas-Sagramenti, aħna rridu nwassluh lill-oħrajn bl-eżempju tajjeb li nagħtu u anke bil-kliem li ngħidu. B'hekk Ġesù jkun tassew qed jaħdem fina u permezz tagħna fid-dinja tal-lum.

**Ikteb liema sagrament inkun qed ngħix fil-ħajja tiegħi meta...**

**Il-qrar • il-magħmudija • l-Ewkaristija • Ordni Sagri**

| | |
|---|---|
| ... niftakar kuljum li jien iben/bint Alla. | |
| ... nkun xhieda ta' Ġesù għax Ġesù ġie fija u sar parti minni | |
| ... naħfer minn qalbi lil min jagħmilli xi ħaġa ħażina għax Alla lili jaħfirli. | |
| ... nitlob għas-saċerdoti u biex aktar żgħażagħ iwieġbu għas-sejħa ta' Ġesù. | |

**Is-sagramenti huma għajnuniet li l-Knisja tħeġġiġna biex napprezzawhom u nużawhom għax bihom ngħixu kif iridna Ġesù**

## X'irid isir f'dawn iċ-ċirkustanzi?

a. Mary ndunat li dak li qalet fuq Grace ma kienx veru. X'għandha tagħmel? .........

.......................................................................................................................

b. Andrew jaf li biex tħobb bis-serjetà lil Ġesù trid tkun qrib tiegħu u tirċevih ta' spiss. X'irid jagħmel Andrew? .........................................................................

ċ. Ġorġ sema' fil-lezzjoni tal-katekiżmu li l-Ispirtu s-Santu qiegħed fina u jixtieq jgħinna jekk aħna nħalluh. X'irid jiftakar Ġorġ? ..................................................

.......................................................................................................................

## Din għalik. Ara x'tgħidlek!

**Attività Ċ**

Gordon kuljum imur il-quddies. Il-knisja qiegħda erba' passi bogħod mid-dar tiegħu. Jitqarben ta' spiss ukoll, imma ma tantx jissaporti ma jiġġilidx jew ma jinkix.

a. Taħseb li Gordon kien jagħmel sew imur il-quddies? ..................................

b. X'ried jagħmel aktar Gordon biex fil-verità jkun qed jgħix is-sagramenti? ..........................................................................

Għalhekk, jien irrid nifhem li ..........................................................................

..........................................................................................



# Noti











F'dan il-ktieb tal-Ħames Sena tal-Primarja hemm mixja esplorattiva sħiħa li ħadd ma jista' jagħmilha waħdu. Dan il-ktieb f'din il-fażi u età delikata tat-tfal, għandu jservi bħala għodda l-ewwel u qabel kollox biex immorru lil hinn minn kunċetti ta' reliġjon individwalista, ta' mixja waħdek intiża biss biex titgħallem dwar Alla daqslikieku lil Alla nistgħu niskopruh weħedna u nipposseduh.

Kahlil Gibran, fil-Ktieb tiegħu 'Il-Profeta' jikteb li meta inti tħobb, tgħidx li hemm Alla f'qalbek, imma li inti qiegħed fil-qalb ta' Alla. Għax il-mixja ta' kull bniedem kif jarawha r-reliġjonijiet tista' tgħid kollha hija proċess ta' għarfien u esperjenza, imma fuq kollox hija l-iskoperta tal-imħabba u s-sabiħ anke fl-isfond tal-ikrah tal-ħajja.



ISBN 978-99957-0-543-5

segretarjat għall-katekeżi